IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.1.2017
COM(2016) 820 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar rakkomandazzjonijiet ta' riforma għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali**

{SWD(2016) 436 final}

MT MT

# I. Ir-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali fil-kuntest tagħha

## I.1. Il-kuntest politiku

Suq intern aktar approfondit u ġust huwa waħda mill-10 prijoritajiet tal-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew jikkunsidra li *"Il-kisba ta' Suq Uniku aktar approfondit u ġust se tkun strumentali fil-ħolqien ta' impjiegi ġodda, il-promozzjoni tal-produttività u l-iżgurar ta' klima attraenti għall-investiment u l-innovazzjoni"*[1].

Fl-Istrateġija tagħha għal Suq Uniku għall-oġġetti u għas-servizzi tat-28 ta' Ottubru 2015[2], il-Kummissjoni ħabbret li se toħroġ gwida għall-Istati Membri dwar il-ħtiġijiet ta' riforma fis-servizzi professjonali. Din il-miżura hija waħda mill-azzjonijiet u mill-istrateġiji dwar is-Suq Uniku li fir-rigward tagħhom il-Kunsill Ewropew appella għal implimentazzjoni rapida sal-2018[3]. Fir-rapport tiegħu dwar l-Istrateġija għal Suq Uniku, il-Parlament Ewropew approva l-inizjattiva tal-Kummissjoni[4].

Ir-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali hija prerogattiva tal-Istati Membri. Din għandha l-għan li tiżgura l-ħarsien ta' għanijiet ta' interess ġenerali. Il-mod partikolari kif l-Istati Membri jirregolaw professjoni jirriżulta minn għadd ta' fatturi bħal: l-importanza li s-soċjetà tagħti lill-għanijiet speċifiċi ta' interess ġenerali li jridu jitħarsu; l-effiċjenza ta' arranġamenti superviżorji amministrattiva u ġudizzjarji differenti; is-sitwazzjonijiet ekonomiċi; l-importanza ekonomika relattiva tas-settur għall-pajjiż inkwistjoni u s-saħħa tad-drittijiet stabbiliti.

Taħlita ta' dawn il-fatturi u l-valutazzjonijiet ta' politika li jirriżultaw minnha, wasslu biex jiġu adottati mudelli regolatorji differenti. L-eżistenza ta' diversi mudelli mhijiex kwistjoni. Għaldaqstant, l-għan mhuwiex li jiġi impost direttament jew indirettament xi mudell regolatorju partikolari mal-UE kollha.

Irrispettivament minn liema qafas regolatorju jintgħażel, ir-regolamentazzjoni toħloq ostakli għall-funzjonament tas-Suq Uniku u żżomm lura l-potenzjal għat-tkabbir u għall-ħolqien tal-impjiegi fl-ekonomiji tal-UE. It-tneħħija ta' ostakli bħal dawn toħloq opportunitajiet u għandha impatt pożittiv fuq il-produttività u l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE. Irrispettivament mill-mudell applikabbli f'kull pajjiż jew reġjun, fejn ir-restrizzjonijiet jistgħu jitneħħew jew isiru aktar proporzjonati, din il-biċċa xogħol għandha titwettaq għall-benefiċċju taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tal-professjonisti. Għal dan l-għan, tkun utli l-esperjenza miksuba minn Stati Membri oħra dwar l-aħjar mod kif wieħed jipproċedi.

L-ostakli għat-tkabbir u għall-kummerċ jistgħu joriġinaw minn restrizzjonijiet li jidhru inqas importanti, li l-effetti kumulattivi tagħhom jistgħu jkunu ta' ħsara. L-għan ta' din il-Komunikazzjoni mhuwiex biss li tgħin lill-Istati Membri fit-tneħħija ta' restrizzjonijiet

---

[1] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2016 u tal-20 u tal-21 ta' Ottubru 2016. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 u tal-25 ta' Ottubru 2013 il-Kunsill Ewropew saħaq fuq l-importanza tal-evalwazzjoni reċiproka tal-professjonijiet regolati mnedija mill-Kummissjoni u appella għal progress rapidu. Dan l-eżerċizzju għandu jidentifka l-ostakli li għad fadal fl-aċċess għall-professjonijiet fl-Istati Membri, jivvaluta l-effett kumulattiv tar-restrizzjonijiet kollha imposti fuq l-istess professjoni u jissuġġerixxi azzjoni xierqa.

[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji, COM(2015) 550 final.

[3] Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kompetittività tad-29 ta' Frar 2016 fejn jilqa' l-gwida perjodika speċifika għall-pajjiżi dwar il-professjonijiet regolati, anke fid-dawl tal-potenzjal tagħha li tiżgura li r-regolamentazzjoni minn kull Stat Membru tkun proporzjonata, u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat segwitu effettiv u konsistenti. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 u tat-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill saħaq fuq l-importanza li jsir progress fit-tisħiħ tar-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali, billi jitnaqqas l-għadd ta' professjonijiet regolati u jitneħħew l-ostakli regolatorji mhux ġustifikati.

[4] 2015/2354(INI).

sostantivi speċifiċi mhux iġġustifikati, iżda li toħloq għarfien regolatorju "virtuż" mill-Istati Membri.

Ir-rakkomandazzjonijiet ta' riforma f'din il-Komunikazzjoni jindirizzaw firxa wiesgħa ta' rekwiżiti u jagħmlu dan permezz ta' analiżi komparattiva skont l-ispirtu u l-ħidma mwettqa fl-eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka mal-Istati Membri matul l-aħħar tliet snin[5]. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom l-għan li jappoġġaw lill-Istati Membri fil-ħolqien ta' ambjent regolatorju li jwassal għat-tkabbir, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi. Dawn mhumiex limitati għal każijiet ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni, anke jekk xi wħud mir-rekwiżiti msemmija jistgħu jikkostitwixxu tali ksur.

Għadd ta' studji reċenti juru li hemm potenzjal sinifikanti li mhux qed jintuża fl-iżvilupp ta' servizzi professjonali. Studju riċenti bħal dan mill-Bank Dinji ssuġġerixxa li l-produttività tista' tiżdied b'madwar 5 %, jekk jitnaqqsu l-ostakli għas-servizzi[6]. Studju ieħor wera li d-dħul u l-ħruġ ta' ditti jkollhom effett sinifikanti fuq ir-rati tal-qligħ u fl-effiċjenza allokattiva għas-settur tas-servizzi professjonali (dawk legali, tal-kontabilità, tal-arkitettura u tal-inġinerija)[7]. F'valutazzjoni tal-2015 tal-Kummissjoni Ewropea tal-impatt ekonomiku tal-ostakli magħżula f'erba' servizzi tan-negozju (periti, inġiniera ċivili, kontabilisti u avukati) ġie kkonfermat l-impatt ekonomiku sinifikanti fuq l-intensità tal-kompetizzjoni, il-profittabilità tas-settur u l-effiċjenza tal-allokazzjoni tar-riżorsi[8].

Aktar minn hekk, minħabba n-natura tal-għoti tas-servizzi, is-settur għandu interkonnessjonijiet qawwija ma' setturi oħra tal-ekonomija, bħall-manifattura[9]. Minħabba l-importanza tas-suq tas-servizzi tal-UE għall-ekonomija globali tal-UE, suq tas-servizzi li jiffunzjona tajjeb huwa komponent ewlieni fl-enfasi tal-Kummissjoni biex tingħata spinta lill-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment.

Din il-Komunikazzjoni tidentifika l-possibbiltajiet għat-titjib tal-ambjent regolatorju għal għadd ta' gruppi ekonomikament importanti tas-servizzi professjonali. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' riforma huma mfassla għal kull Stat Membru filwaqt li jitqies l-ambjent regulatorju speċifiku fis-seħħ. Minħabba l-approċċi regolatorji differenti, mhux l-Istati Membri kollha għandhom l-istess ħtieġa li jirrevedu u jimmodifikaw ir-regolamentazzjoni. B'konsegwenza ta' dan, ir-rakkomandazzjonijiet ivarjaw minn pajjiż għal ieħor, u xi Stati Membri jistgħu ma jirċevux rakkomandazzjonijiet għal wieħed jew għal bosta servizzi professjonali. Barra minn hekk, uħud mill-ħtiġijiet ta' riforma identifikati jista' jkollhom implikazzjonijiet aktar serji u anki legali f'każijiet fejn jista' jiġi stabbilit ksur tad-dritt tal-UE.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet f'din il-Komunikazzjoni flimkien mal-Istati Membri u tipproponi miżuri, sabiex fejn xieraq, jiġu indirizzati l-ostakli li jifdal. Dawn jistgħu jinkludu azzjoni ta' infurzar fir-rigward tal-possibbiltà ta' ksur tal-liġi tal-UE jew proposti leġiżlattivi biex jiġu indirizzati r-rekwiżiti ta' piż li jifdal.

---

[5] Għal deskrizzjoni ta' dan l-eżerċizzju ara l-punt I.2 ta' hawn taħt.
[6] EU Regular Economic Report, Fall 2016, Grupp tal-Bank Dinji.
[7] "Product Market Review 2013 — Financing the real economy"; European economy, 8/2013, il-Kummissjoni Ewropea.
[8] http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/13405?locale=en.
[9] Ara, pereżempju E. Fernández Corugedo u E. Pérez Ruiz, "The EU Services Directive: Gains from Further Liberalisation', Dokument ta' Ħidma tal-FMI, 2014. Ir-riżultati ta' dan l-istudju huma bbażati fuq l-impatt ta' liberalizzazzjoni ulterjuri fuq l-ekonomija Franċiża. L-istudju juri b'mod partikolari li ż-żieda fil-produttività totali tal-fatturi fis-settur tal-attivitajiet tan-negozju l-oħra (inklużi l-aktar is-servizzi tan-negozju) twassal għal riperkussjonijiet sinifikanti fuq l-ekonomija kollha.

Din il-Komunikazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet ta' riforma tagħha jikkomplementaw l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir aktar vast tal-Kummissjoni, billi jipprovdu analiżi komprensiva u approfondita li tkopri lill-Istati Membri kollha fis-setturi magħżula u gruppi ta' professjonijiet, u jidentifikaw possibbiltajiet konkreti ta' riforma fl-Istati Membri kollha f'dawn is-setturi. Hija tipprovdi approċċ aktar speċifiku f'qasam sinifikanti għar-riformi strutturali u, fejn rilevanti, tikkomplementa u tappoġġa l-analiżi tal-Kummissjoni u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fi ħdan is-Semestru Ewropew.

### I.2. Il-kuntest ġuridiku

Is-servizzi professjonali jikkostitwixxu element importanti ferm fl-ekonomija tal-Istati Membri u tal-UE. Ħafna minnhom jipprovdu input essenzjali għal operaturi oħra tas-suq u għall-ekonomija kollha kemm hi u ħafna minnhom huma attivi f'oqsma sensittivi, spiss ikkaratterizzati minn asimetrija tal-informazzjoni u tal-kunsiderazzjonijiet relatati ma' għanijiet ta' politika usa' bħall-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja, is-sikurezza tal-ambjent mibni, eċċ.

Huwa f'idejn kull Stat Membru li jiddeċiedi jekk ikunx hemm bżonn li jintervjeni u li jimponi regoli u restrizzjonijiet għall-aċċess għal professjoni jew għall-eżerċizzju tagħha, sakemm jiġu rrispettati l-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità. L-Istati Membri jiddeterminaw l-għan ta' interess pubbliku li jridu jipproteġu u jagħżlu l-aktar mod xieraq biex jinkiseb dan.

Ir-rekwiżiti imposti fuq is-servizzi professjonali kienu s-suġġett tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea. Il-Qorti ddeċidiet ripetutament li, anki jekk jiġu applikati mingħajr ebda diskriminazzjoni, ir-regolamentazzjonijiet nazzjonali tal-professjonijiet inklużi r-rekwiżiti fir-rigward tal-kwalifiki jistgħu jfixklu jew jirrendu inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali miċ-ċittadini u mill-kumpaniji tal-UE, iggarantiti lilhom mit-Trattat[10]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ukoll li l-fatt li Stat Membru wieħed jimponi regoli anqas stretti minn Stat Membru ieħor ma jfissirx li r-regoli ta' dan tal-aħħar huma sproporzjonati u inkompatibbli mal-dritt tal-Unjoni. Huwa f'idejn l-Istati Membri biex jivvalutaw jekk ikunx meħtieġ li jimponu restrizzjonijiet fuq attivitajiet professjonali fuq bażi ta' każ b'każ u b'kont meħud tal-kuntest regolatorju kollu kemm hu.

F'ħafna każijiet, ir-regolamentazzjoni hija ġġustifikata, pereżempju f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' saħħa u sikurezza. Madankollu, biex ir-regolamentazzjoni tkun adattata għall-iskop tagħha, hija għandha tiġi riveduta b'mod regolari sabiex tqis it-tibdil ambjentali, eż. l-innovazzjoni teknika, sensibilizzazzjoni aħjar tal-konsumaturi, eċċ. Jista' jkun li r-regoli stabbiliti ma jkunux għadhom dawk l-aktar xierqa u jistgħu jkunu tilfu l-ġustifikazzjoni tagħhom minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-soċjetà jew tas-suq. Dawn tal-aħħar jistgħu wkoll joħolqu l-ħtieġa għal rispons regolatorju, pereżempju fil-qasam tal-evitar u tal-evażjoni tat-taxxa. Madankollu, ir-rispons xieraq ma jikkonsistix neċessarjament fir-regolamentazzjoni ta' professjoni partikolari u jista' minflok ikun usa', bħal regoli dwar l-iżvelar obbligatorju imposti fuq kull intermedjarju fi kwistjonijiet ta' taxxa.

Id-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali[11] diġà ġiet emendata u introduċiet eżerċizzju ta' **evalwazzjoni reċiproka** u ta' trasparenza li fih l-Istati Membri rrapportaw liema professjonijiet huma jirregolaw u eżaminat l-ostakli rispettivi li jillimitaw l-

[10] Ara l-Kawża storika C-340/89 *Vlassopoulou*, il-Kawża C-313/01 *Morgenbesser*, il-Kawża C-345/08 *Peśla*.
[11] Id-Direttiva 2005/36/KE, kif emendata mid-Direttiva 2013/55.

aċċess għal ċerti professjonijiet[12]. L-għan ta' dan l-eżerċizzju kien li jiġu riveduti l-professjonijiet regolati kollha f'kull Stat Membru sabiex jinkiseb ambjent regolatorju li jkun proporzjonat u adattat għall-għanijiet reali ta' protezzjoni tal-interessi ġenerali. F'dan il-kuntest, ġew diskussi għadd ta' professjonijiet bħala eżempji biex jintwerew l-approċċi regolatorji differenti fost l-Istati Membri sabiex ikollna ħarsa u fehim aħjar tas-soluzzjonijiet regolatorji fis-servizzi professjonali ta' Stati Membri oħra[13].

Waħda mill-konklużjonijiet li jridu jinsiltu mid-diskussjonijiet fl-eżerċizzju tal-evalwazzjoni reċiproka hija li d-differenzi bejn il-kunċetti regolatorji bħala tali ma jindikawx neċessarjament li hemm bżonn ta' riforma. Madankollu, filwaqt li l-għanijiet ta' interess pubbliku li suppost jiġu protetti mir-regolamentazzjoni huma simili, il-livell tar-regolamentazzjoni jista' jkun tant differenti li dan iqajjem mistoqsijiet dwar ir-raġuni għaliex il-livell ta' intervent mill-Istat huwa partikolarment għoli f'pajjiż wieħed jew aktar. Ir-restrizzjonijiet jistgħu jeżistu wkoll fl-Istati Membri li ma jirregolawx il-professjoni, pereżempju fejn is-sistemi ta' ċertifikazzjoni għandhom rwol importanti fis-suq.

L-eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka wassal biex l-Istati Membri jintalbu jippreżentaw **pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali** (NAPs) lill-Kummissjoni sat-18 ta' Jannar 2016 fejn jispjegaw u jiġġustifikaw kwalunkwe deċiżjoni li jkunu ħadu b'riżultat ta' din l-analiżi biex iżommu jew jemendaw ir-regolamentazzjonijiet professjonali[14].

Sal-lum għad hemm seba' Stati Membri, li huma **Ċipru, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, Malta, is-Slovenja** u **Spanja**, li ma ttrażmettewx l-NAP tagħhom. Meta wieħed iħares lejn il-kontenut tal-NAPs li ġew ippreżentati, il-livell ta' ambizzjoni huwa differenti ħafna, b'xi Stati Membri jiddeskrivu approċċ komprensiv għar-rieżami tal-leġiżlazzjoni jew tar-riformi mmirati fi professjonijiet speċifiċi, filwaqt li oħrajn urew intenzjoni pjuttost limitata fil-konfront tar-riformi. Għal xi Stati Membri, l-azzjonijiet imsemmija fil-pjan tagħhom jirreferu għal miżuri preċedenti minħabba li kienu diġà għaddew minn proċess ta' riforma, għalkemm dan ma jfissirx neċessarjament li ma hemm l-ebda ambitu għal aktar riformi. F'każijiet oħra, jidher li hemm nuqqas ta' rieda politika għal involviment f'reviżjoni miftuħa u serja tas-sitwazzjoni attwali.

L-**Istrateġija tas-Suq Uniku** tal-Kummissjoni ħabbret għadd ta' azzjonijiet[15] biex ittejjeb ir-regolamentazzjoni nazzjonali tal-professjonijiet, jiġifieri:

- passaport/kard tas-servizzi;
- proċedura ta' notifika mtejba skont id-Direttiva dwar is-Servizzi;
- gwida dwar il-ħtiġijiet ta' riforma speċifiċi għal kull pajjiż u għal kull professjoni;

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ottubru 2013 (COM(2013)676) tistabbilixxi pjan ta' ħidma biex titjieb it-trasparenza dwar ir-regolamentazzjonijiet professjonali nazzjonali u biex tivvaluta u tiddiskuti l-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità tar-regoli eżistenti (evalwazzjoni reċiproka). Dan il-proċess, li beda fl-2014, kien jirrikjedi li l-Istati Membri l-ewwel nett jintroduċu l-professjonijiet kollha regolati minnhom fil-bażi tad-dejta dwar il-professjonijiet regolati flimkien mal-miżuri regolatorji kollha li huma implimentaw għal kull professjoni nnotifikata. Imbagħad, bl-użu ta' din l-informazzjoni, huma kienu meħtieġa janalizzaw l-impatt ta' dawn il-miżuri u jikkunsidraw il-valur tagħhom fil-protezzjoni tal-interessi pubbliċi leġittimi.

[13] Ir-rapporti li tfasslu wara dawn id-diskussjonijiet jinsabu f'http://ec.europa.eu/growth/single-market/services/free-movement-professionals/transparency-mutual-recognition_mt.

[14] Il-pjan ta' azzjoni nazzjonali huwa parti mill-obbligi legali li l-Istati Membri jridu jissodisfaw meta jittrasponu d-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali. Jekk l-Istati Membri jonqsu milli jwettqu kwalunkwe pjan, jistgħu jitressqu proċedimenti ta' ksur kontrihom. Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali huma disponibbli pubblikament — arahttp://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/17943.

[15] Fit-22 ta' Novembru 2016 ġew adottati azzjonijiet li jinkludu l-iffaċilitar ta' operazzjonijiet transfruntiera ta' negozji ġodda permezz tal-portal uniku diġitali, ara http://europa.eu/rapid/press-release_IP-16-3882_mt.htm.

- l-introduzzjoni ta' qafas analitiku għall-analiżi tal-proporzjonalità ("it-test tal-proporzjonalità").

Il-gwida dwar ir-rakkomandazzjonijiet ta' riformi u t-test ta' proporzjonalità jistgħu jitqiesu bħala komplementari: filwaqt li din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu adattamenti konkreti fil-qafas regolatorju eżistenti ta' professjonijiet speċifiċi, it-test tal-proporzjonalità għandu l-għan li jaġixxi b'mod preventiv billi jipprovdi sett ġenerali ta' kriterji li jgħin lill-Istati Membri jwettqu valutazzjoni bir-reqqa tal-ġustifikazzjonijiet u tal-ħtiġijiet għar-regolamentazzjoni futura tal-professjonijiet fis-setturi kollha qabel ma jadottaw leġiżlazzjoni ġdida jew jagħmlu kwalunkwe tibdil fir-regoli eżistenti tagħhom. Kemm ir-rakkomandazzjonijiet ta' riforma kif ukoll it-test ta' proporzjonalità għandhom l-għan li jirfinaw l-approċċi tal-Istati Membri għar-regolamentazzjoni, mhux billi jiddettawlhom, iżda pjuttost billi jiżguraw prattiki regolatorji biex jiggarantixxu li r-regolamentazzjoni tkun proporzjonata u li jiġu evitati konsegwenzi ekonomiċi negattivi.

Dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu l-inizjattivi li jridu jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 59(8) u (9) tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali. L-għan ta' dawn iż-żewġ inizjattivi ġie approvat mill-Parlament Ewropew[16] u mill-Kunsill[17] fl-2016. Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' Frar 2016, il-Kunsill laqa' l-gwida speċifika għall-pajjiżi dwar is-servizzi professjonali u saħaq fuq il-ħtieġa għal valutazzjonijiet tal-proporzjonalità aktar konsistenti tar-rekwiżiti regolatorji fir-rigward tal-professjonijiet[18].

## I.3. Il-kuntest ekonomiku

Il-funzjonament aħjar tas-Suq Uniku jagħti vantaġġi lill-Istati Membri tal-UE fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak globali. Is-servizzi totali jammontaw għal 71 % tal-PDG, li jirrappreżentaw ftit aktar minn EUR 10 triljun u 68 % tat-total ta' impjiegi, jiġifieri madwar 150 miljun ruħ[19]. Madankollu, huwa ġeneralment rikonoxxut li l-potenzjal sħiħ ta' Suq Uniku fis-servizzi għadu ma ġiex issodisfat.

Bħalissa, abbażi ta' dak li l-Istati Membri nnotifikaw fil-bażi tad-dejta tal-professjonijiet regolati, hemm aktar minn 5 500 professjoni regolata fl-UE kollha[20]. Jeżistu differenzi kbar bejn il-pajjiżi, li jvarjaw mil-Litwanja, li rrapportat biss 76, għall-Ungerija b'545[21]. Madankollu, dawn iċ-ċifri jgħidulna ftit dwar l-intensità (jew il-proporzjonalità) tar-regolamentazzjoni, l-impatt ekonomiku tagħha jew il-karatteristiċi tal-persuni affettwati minnha.

Ir-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali għandha l-għan li tiżgura l-protezzjoni ta' għadd ta' għanijiet ta' interess ġenerali. Ġie żviluppat għadd kbir ta' metodi u mudelli, ibbażati fuq il-partikolaritajiet tas-suq u l-preferenzi politiċi u nazzjonali. Ir-regolamentazzjoni għandha t-tendenza li tkun komprensiva u tkopri firxa wiesgħa ta'

---

[16] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Mejju 2016 dwar l-Istrateġija għal Suq Uniku.

[17] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "*L-Istrateġija tas-Suq Uniku għas-servizzi u l-oġġetti*" tad-29 ta' Frar 2016.

[18] Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2016.

[19] Sors: L-istatistika tal-kontijiet nazzjonali.

[20] Ara l-mappa interattiva fil-bażi tad-dejta tal-professjonijiet regolati fl-UE għal rappreżentazzjoni viżwali tar-regolamentazzjoni okkupazzjonali fil-pajjiżi kollha tal-UE (https://ec.europa.eu/growth/single-market/services/free-movement-professionals/regulated-professions-database_mt°). Il-bażi tad-dejta tinkludi informazzjoni dwar il-professjonijiet regolati koperti mid-Direttiva 2005/36/KE u turi li madwar 600 "professjoni ġenerika" differenti huma affettwati mir-regolamentazzjoni okkupazzjonali. Għal kull professjoni ġenerika, normalment hemm ħafna aktar professjonijiet koperti mit-terminoloġija nazzjonali. Dan minħabba li taħt kull professjoni ġenerika hemm diversi subprofessjonijiet, biex b'hekk l-għadd ta' professjonijiet regolati fl-UE jammonta għal madwar 5 500.

[21] Il-bażi tad-dejta tal-professjonijiet regolati fl-UE, Novembru 2016.

kwistjonijiet regolatorji, u ta' spiss tinkludi diversi restrizzjonijiet li jvarjaw minn ftit jew wisq esklużivitajiet wiesa' dwar l-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet (ir-riżervi tal-attivitajiet)[22] u l-protezzjoni ta' titoli professjonali[23] għal restrizzjonijiet fuq il-forom korporattivi jew min jikkontrolla s-sjieda jew il-ġestjoni tal-kumpaniji li jipprovdu servizzi professjonali. Anki meta tali regolamentazzjonijiet jiksbu b'mod sħiħ l-għan ta' politika tagħhom, ma hemmx dubju li dawn għandhom impatt ekonomiku konsiderevoli.

Huwa diffiċli li jitkejjel b'mod preċiż l-impatt ekonomiku tar-regolamentazzjoni għas-servizzi professjonali u sa dan l-aħħar lanqas kien hemm ċifri dwar il-prevalenza u l-effetti tar-regolamentazzjoni okkupazzjonali fuq is-suq tax-xogħol tal-UE. B'rispons għal dan in-nuqqas ta' ċifri, il-Kummissjoni kkummissjonat l-ewwel stħarriġ rappreżentattiv mal-UE kollha, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu, biex tipprovdi d-dejta meħtieġa sabiex titkejjel il-prevalenza tal-professjonijiet regolati[24]. L-istħarriġ, li twettaq matul l-ewwel kwart tal-2015, ikkuntattja aktar minn 26 600 ċittadin Ewropew u kkonkluda li 22 % tal-forza tax-xogħol Ewropea, jew 'il fuq minn 47 miljun ċittadin, huma direttament affettwati mir-regolamentazzjoni. Il-prevalenza tiegħu tvarja fl-Unjoni, minn 14 % tal-forza tax-xogħol fid-Danimarka għal 33 % fil-Ġermanja (ara ċ-Ċart 1).

**Ċart 1: is-sehem tal-professjonijiet regolati mit-total tal-forza tax-xogħol, 2015**




Sors: Stħarriġ tat-TNS, 2015.

L-analiżi tal-effetti ekonomiċi tar-regolamentazzjoni turi li skont l-okkupazzjoni, jista' jkun hemm bejn 3 u 9 % aktar nies jaħdmu fi professjoni partikolari jekk ir-rekwiżiti ta' aċċess ikunu inqas stretti. L-istudju jistma wkoll li r-regolamentazzjoni timplika primjum tal-pagi aggregati ta' madwar 4 % iżda b'varjazzjonijiet konsiderevoli skont is-setturi (sa 19,2 %

[22] Il-**kunċett ta' attivitajiet riżervati** mhux dejjem jirreferi għall-attivitajiet regolati bil-liġi. "riżerva tal-attivitajiet" tista' tinftiehem bħala kwalunkwe rekwiżit li jirriżerva l-eżerċizzju tal-attività ta' servizz għad-detenturi ta' kwalifika professjonali speċifika.

[23] **Il-protezzjoni tat-titoli** tirreferi għal-leġiżlazzjoni li tikkonferixxi d-dritt ta' titolu professjonali (bħal avukat, perit, gwida turistika) fuq dawk li jissodisfaw rekwiżiti partikolari, ħafna drabi fuq id-detenturi ta' kwalifika partikolari.

[24] M. Koumenta u M. Pagliero (2016), "Measuring Prevalence and Labour Market Impacts of Occupational Regulation in the EU". Ara: http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/20362 .

f'ċerti oqsma)[25]. Dan jista' jsarraf f'żieda fil-prezzijiet tas-servizzi għall-konsumaturi. Dan huwa rifless f'differenzi konsiderevoli fil-pagi fost il-gruppi professjonali u jissuġġerixxi li r-regolamentazzjoni permezz ta' riżervi ta' attivitajiet tista' tfixkel b'mod sinifikanti l-pagi relattivi. Jissuġġerixxi wkoll li r-regolamentazzjoni professjonali tikkontribwixxi għal inugwaljanzi fil-pagi fis-suq tax-xogħol Ewropew, li minnhom jibbenefikaw partikolarment dawk fil-quċċata tad-distribuzzjoni tal-introjtu.

Barra minn hekk, għadd ta' studji li ġew ikkummissjonati reċentement mill-Kummissjoni juru li regolamentazzjoni iżjed proporzjonata u adattata għar-realtà tas-suq, pereżempju billi r-rekwiżiti l-aktar restrittivi u mhux ġustifikati jsiru inqas stretti, irriżultat f'titjib fid-dinamika tas-suq, li jwassal b'mod speċifiku għal aktar ftuħ tas-suq, aktar negozji ġodda u servizzi innovattivi ġodda li jitqiegħdu fis-suq minn dawk li għadhom kif daħlu ġodda fis-suq[26]. Barra minn hekk, iwassal għal benefiċċji għall-konsumaturi f'termini ta' prezzijiet orħos b'riżultat tat-tnaqqis tar-rati ta' profitt.

Fl-aħħar nett, l-analiżi kkonfermat li t-tnaqqis tal-ostakli jwassal għal titjib fil-prestazzjoni tas-setturi kkaratterizzati minn effiċjenza allokattiva aktar b'saħħitha[27]. Studji tal-każijiet ta' riformi fil-livell nazzjonali juru l-impatt li jista' jkollhom ir-riformi tal-kundizzjonijiet għall-aċċess u għall-eżerċizzju tal-professjonijiet regolati, fuq is-settur. Fil-Greċja, ir-riformi rriżultaw fi prezzijiet aktar baxxi għall-konsumaturi tas-servizzi bħall-professjonijiet legali, il-kontabilisti u l-konsulenti tat-taxxa, li ġew liberalizzati skont ir-riforma mwettqa fl-2011. L-għadd ta' gwidi turistiċi u esperti tal-kontabilità żdied b'aktar mid-doppju fl-2014 meta mqabbel mal-medja annwali qabel il-liberalizzazzjoni[28]. Fil-Polonja, ir-riforma tar-regolamentazzjoni tas-servizzi legali li seħħet bejn l-2005 u l-2014 wasslet biex l-għadd ta' avukati u konsulenti legali attivi jiżdied b'aktar mid-doppju, filwaqt li ż-żieda fil-prezzijiet tas-servizzi legali kienet inqas mill-medja. Bl-istess mod, ir-riforma tal-professjonijiet tal-aġenti tal-proprjetà immobbli u tal-maniġers tal-proprjetà immobbli wasslet għall-ħolqien nett ta' negozji fis-settur[29].

## I.4. Analiżi u gwida: indikatur ġdid ta' restrizzjoni

*Analiżi u gwida għall-professjonijiet fis-setturi ekonomiċi ewlenin*

Din il-Komunikazzjoni u l-annessi tagħha jipprovdu analiżi dettaljata tar-regolamentazzjonijiet li japplikaw għall-periti, l-inġiniera ċivili, il-kontabilisti, l-avukati, l-aġenti tal-privattivi, l-aġenti tal-proprjetà immobbli u l-gwidi turistiċi. Dawn is-seba' gruppi ta' professjonijiet intgħażlu għaliex jappartjenu għal erba' setturi ekonomiċi ewlenin (is-servizzi tan-negozji, il-kostruzzjoni, il-proprjetà immobbli u t-turiżmu). Il-mobbiltà f'dawn il-professjonijiet hija relattivament għolja u l-professjonijiet huma regolati fil-maġġoranza tal-Istati Membri, għalkemm b'regolamentazzjoni differenti. Dan ifisser li hemm potenzjal konsiderevoli għal riformi sinifikanti u ekonomikament rilevanti.

*Indikatur ġdid dwar ir-restrizzjoni tar-regolamentazzjoni okkupazzjonali*

---

[25] Il-primjums tal-pagi u l-marġnijiet tal-profitt għoljin huma indikatur komuni ta' kirjiet ta' monopolju, li min-naħa tagħhom iwasslu għal prezzijiet ogħla għall-konsumaturi u nuqqas ġenerali ta' kompetizzjoni fil-professjoni.

[26] L-effetti tar-riformi tar-rekwiżiti regolatorji biex jinkiseb aċċess għall-professjonijiet: studji tal-każ skont il-pajjiż http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/newsroom/cf/itemdetail.cfm?item_id=8525&lang=mt.

[27] Il-Kummissjoni Ewropea: "Business Services — Assessment of Barriers and their Economic Impact"; disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/growth/single-market/services/economic-analysis_mt.

[28] The effects of liberalisation of professional requirements in Greece, E. Athanassiou, N. Kanellopoulos, R. Karagiannis, A. Kotsi, Centre for Planning and Economic Research (KEPE), Ateni, 2015.

[29] Rojek M., Masior M., "The effects of reforms liberalising professional requirements in Poland", Warsaw School of Economics, 2016

Ġie mfassal indikatur dwar ir-restrizzjoni tar-regolamentazzjoni okkupazzjonali biex jappoġġa l-analiżi kwalitattiva tal-ostakli u jqis il-piż akkumulat ta' diversi rekwiżiti aktar milli jiffoka fuq miżuri iżolati mir-ramifikazzjonijiet usa' tagħhom. Dan l-indikatur jipprovdi bażi oġġettiva u li tista' titkejjel biex tqabbel il-prestazzjoni tal-Istati Membri fis-seba' gruppi ta' professjonijiet magħżula.

Il-gruppi li ġejjin ta' restrizzjonijiet huma koperti bl-indikatur ta' restrizzjoni: [30]

(1) approċċ regolatorju: l-attivitajiet riżervati esklużivi jew kondiviżi, u l-protezzjoni tat-titoli;

(2) rekwiżiti ta' kwalifiki: snin ta' edukazzjoni u taħriġ, eżami tal-Istat obbligatorju, obbligi ta' żvilupp professjonali kontinwu, eċċ.;

(3) rekwiżiti ta' dħul oħra: sħubija jew reġistrazzjoni obbligatorja f'korp professjonali, limitazzjoni tal-għadd ta' liċenzji maħruġa, rekwiżiti oħra ta' awtorizzazzjoni, eċċ.;

(4) rekwiżiti ta' eżerċizzju: restrizzjoni fuq il-forma korporattiva, rekwiżiti għall-parteċipazzjoni azzjonarja, restrizzjonijiet fuq l-eżerċizzju konġunt tal-professjonijiet, l-inkompatibilitajiet tal-attivitajiet, eċċ..

L-indikatur ta' restrizzjoni jibni parzjalment fuq valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-ostakli fis-servizzi tan-negozju li ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-2015,[31] iżda jmur lil hinn minn hekk billi, pereżempju, ikopri wkoll ir-rekwiżiti ta' edukazzjoni mhux koperti preċedentement sabiex jipprovdi fehim komparattiv olistiku tar-rekwiżiti regolatorji differenti fis-seħħ, u jinkludi l-firxa sħiħa mill-edukazzjoni u t-taħriġ għar-restrizzjonijiet tal-eżerċizzju u l-inkompatibilitajiet bejn il-professjonijiet. Ikopri l-istess gruppi ta' professjonijiet bħar-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Prodotti (PMR)[32] tal-OECD filwaqt li magħhom iżid l-aġenti tal-privattivi, l-aġenti tal-proprjetà immobbli u l-gwidi turistiċi. B'differenza mill-indikatur PMR tal-OECD, dan l-indikatur iqis il-firxa ta' professjonijiet u attivitajiet koperti li jeżistu u jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor f'kull wieħed mill-oqsma koperti, jipprevedi ponderazzjoni ta' kull restrizzjoni fir-rigward tal-impatt tagħha u jinkludi informazzjoni aġġornata, kif derivata minn eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka, filwaqt li juża b'mod estensiv il-bażi tad-dejta tal-professjonijiet regolati tal-UE. Għaldaqstant, l-indikatur il-ġdid jirrifletti l-aktar bidliet regolatorji riċenti fl-Istati Membri, bħal-liġi ta' Franza dwar it-tkabbir, l-attività u opportunitajiet ekonomiċi ndaqs, adottata fl-2015. Dan inevitabbilment iwassal għal riżultati li jistgħu jkunu differenti minn valutazzjonijiet preċedenti, li kienu bbażati fuq l-indikatur PMR tal-OECD.

Ir-restrizzjonijiet ma jistgħux jiġu analizzati separatament mingħajr ma jitqiesu l-mekkaniżmi l-oħra fis-seħħ li jikkomplementaw jew jissostitwixxu r-restrizzjoni speċifika. L-approċċ olistiku jagħmilha possibbli li ssir valutazzjoni ta' kemm il-qafas regolatorju huwa restrittiv għall-professjonisti. Madankollu, f'dan l-istadju l-indikatur mhux se jiżvela l-ostakli mhux regolatorji jew ir-rwol tal-liġijiet jew tal-mekkaniżmi ġenerali speċifiċi fis-seħħ biex jipproteġu l-konsumaturi u l-għanijiet ta' interess pubbliku. Għalhekk l-indikatur huwa akkumpanjat minn valutazzjoni u analiżi kwalitattivi li jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar ir-realtà fil-prattika.

[30] Ara l-ispjegazzjonijiet iddettaljati fl-anness metodoloġiku (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, it-Taqsima V).

[31] Il-Kummissjoni Ewropea: "Business Services — Assessment of Barriers and their Economic Impact"; disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/growth/single-market/services/economic-analysis_mt.

32 L-aħħar aġġornament tal-indikatur PMR tal-OECD, li ġie żviluppat għall-ewwel darba fl-1988, sar fl-2013. Ara: http://www.oecd-ilibrary.org/economics/the-2013-update-of-the-oecd-s-database-on-product-market-regulation_5js3f5d3n2vl-en.

*Analiżi ekonomika: l-impatt ekonomiku tar-regolamentazzjoni*[33]

L-analiżi ekonometrika li saret mill-Kummissjoni tindika, għas-seba' gruppi ta' servizzi professjonali, li l-livelli aktar baxxi ta' restrizzjonijiet regolatorji jikkoinċidu ma' riżultati ekonomiċi mtejba, speċifikament kera aktar baxxa għall-operaturi u żieda fit-tkabbir tal-għadd ta' intrapriżi.

L-indikatur jista' jintuża bħala għodda ta' monitoraġġ biex titkejjel l-evoluzzjoni tal-livell ta' restrizzjoni tar-regolamentazzjoni maż-żmien. L-analiżi ta' hawn taħt tippreżenta, għal kull grupp ta' professjonijiet, il-punteġġi li ntlaħqu mill-indikatur fil-livell tal-UE, kif irreġistrat fl-aħħar ta' Novembru 2016. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal jipprovdi aktar dettalji għal kull Stat Membru.

## II. Analiżi skont il-professjoni

It-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu s-setturi differenti analizzati. Il-kunċetti u t-termini (nazzjonali) użati b'rabta ma' dawn is-servizzi professjonali jvarjaw, u l-organizzazzjoni u l-ambitu tal-attivitajiet tal-professjonijiet differenti f'dawn is-setturi ta' spiss ivarjaw bejn l-Istati Membri u għalhekk mhux dejjem jistgħu jitqabblu faċilment. L-analiżi li tkun saret tqis dawn id-differenzi u topera fuq il-bażi ta' attivitajiet koperti minn settur partikolari aktar milli minn denominazzjoni nazzjonali jew definizzjoni ta' professjoni partikolari. Dan jirrigwarda, b'mod partikolari, l-inġinerija ċivili, fejn jeżistu varjetà kbira u għadd ta' subprofessjonijiet, u l-kontabilità, li hija organizzata b'mod differenti ħafna fl-Istati Membri, mhijiex regolata f'xi wħud minnhom jew hija differenzjata ħafna bejn il-professjonijiet differenti, b'oqsma distinti tal-attivitajiet assenjati lil kull waħda minnhom.

Il-valutazzjoni li ġejja hija bbażata prinċipalment fuq:

- l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri nfushom, permezz tal-bażi tad-dejta dwar il-professjonijiet regolati;
- ir-rapporti dwar is-setturi għad-diskussjoni fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka;
- ir-riċerka addizzjonali mill-Kummissjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Din l-informazzjoni ġiet ivverifikata u diskussa mal-Istati Membri f'diversi okkażjonijiet. Tqis ukoll l-ilmenti riċevuti jew rispons ieħor mill-partijiet ikkonċernati dwar ir-restrizzjonijiet li jħabbtu wiċċhom magħhom.

Kull analiżi tinkludi viżwalizzazzjoni grafika tal-indikatur ta' restrizzjoni Din l-informazzjoni għandha tinqara flimkien mal-analiżi deskrittiva pprovduta għal kull professjoni. L-indikatur huwa maħsub biex jittratta l-intensità relattiva tar-regolamentazzjoni fis-seħħ għal kull waħda mill-professjonijiet f'kull Stat Membru. L-ostakli mhux regolatorji mhumiex riflessi fl-indikatur. Madankollu, dawn huma riflessi fid-deskrizzjoni kwalitattiva sa fejn hu possibbli u skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni. Għaldaqstant, mhux bilfors hemm korrelazzjoni perfetta bejn il-punteġġi pprovduti mill-indikatur u r-rakkomandazzjonijiet ta' riforma.

Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw mill-ġdid u jerġgħu jikkunsidraw ir-restrizzjonijiet imposti fuq il-fornituri tas-servizzi u r-regolamentazzjoni għas-setturi professjonali magħżula, u għandhom b'mod partikolari jikkunsidraw l-effett kumulattiv tad-diversi saffi tal-miżuri regolatorji. Uħud mir-

[33] Ara t-Taqsima VI tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż.

rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw l-Istati Membri kollha, filwaqt li oħrajn huma wkoll indirizzati lill-Istati Membri li ma jirregolawx professjoni iżda fejn instab li hemm riskju li jinħolqu ostakli ġodda.

## II.1. Periti

Il-professjoni tikkonċerna prinċipalment l-ippjanar, id-disinjar u r-reviżjoni tal-kostruzzjoni tal-bini u tal-ispazju madwaru. Għaldaqstant, is-sigurtà u s-sikurezza pubbliċi, il-ħarsien ta' min jirċievi s-servizz u l-ambjent huma l-iktar ġustifikazzjonijiet imsemmija għar-regolamentazzjoni ta' din il-professjoni, meta jitqiesu r-riskji tad-difetti fil-kostruzzjoni. Meta titqies l-informazzjoni kollha miġbura għal din il-Komunikazzjoni, jidher li, għall-miri komuni l-approċċi fis-seħħ huma differenti ħafna.

**Ċart 2: Indikatur ta' restrizzjoni: Periti**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, Novembru 2016.

Iċ-Ċart 2 turi l-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri f'termini ta' restrizzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-professjoni ta' perit u tal-eżerċizzju tagħha, skont l-indikatur ġdid ta' restrizzjoni żviluppat mill-Kummissjoni.

L-edukazzjoni tal-periti fil-biċċa l-kbira tagħha ġiet armonizzata b'tali mod li l-kwalifiki jkunu jistgħu jibbenefikaw minn rikonoxximent awtomatiku skont id-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali. Ir-rekwiżiti minimi armonizzati skont id-Direttiva huma ħames snin ta' edukazzjoni jew erba' snin ta' edukazzjoni flimkien ma' sentejn ta' taħriġ prattiku[34]. Fil-fatt, minbarra l-minimu ta' ħames snin ta' taħriġ f'livell universitarju, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrikjedu aktar perjodi ta' taħriġ prattiku jew esperjenza biex wieħed jikseb aċċess (eż. **l-Awstrija** titlob ħames snin ta' edukazzjoni flimkien ma tliet snin ta' taħriġ prattiku, **ir-Repubblika Ċeka** 5+3, **ir-Rumanija** 6+2, **is-Slovakkja** 6+3, **is-Slovenja** 5+3). Il-perjodu ta' edukazzjoni li l-aktar jiġi applikat huwa seba' snin b'kollox fuq mudell 5+2. Fi 15-il pajjiż jenħtieġ ukoll eżami Statali.

B'kuntrast mal-Istati Membri l-oħra li jistipulaw li huma biss il-professjonisti kwalifikati li jkollhom liċenzji, ċertifikazzjonijiet jew reġistrazzjonijiet xierqa ma' korp rilevanti, li jistgħu jipprattikaw legalment l-arkitettura, **id-Danimarka**, **l-Estonja**, **il-Finlandja** u **l-Iżvezja** ma jirregolawx il-professjoni bħala tali iżda pjuttost jiddependu fuq kontrolli oħra tal-kompetenza fl-ambjent tal-kostruzzjoni[35]. Id-differenzi bejn iż-żewġ mudelli jistgħu jkunu inqas sinifikanti milli jistgħu jidhru fejn il-pajjiżi li "ma jirregolawx" jużaw iċ-ċertifikazzjoni tal-kompetenzi tal-periti jew l-evalwazzjoni *ad hoc* tal-kompetenzi jew tal-esperjenza fuq

[34] Dan għandu jiġi applikat flimkien mar-riżultati tat-tagħlim deskritti fl-Artikolu 46 tad-Direttiva.

[35] Fl-Estonja, pereżempju, it-twettiq ta' ċerti attivitajiet professjonali jirrikjedi ċertifikat professjonali (jiġifieri ċertifikat f'ċertu livell maħruġ mill-Awtorità tal-Kwalifiki).

bażi ta' każ b'każ bħala kundizzjoni biex il-periti jitħallew jipprovdu servizzi speċifiċi (eż. is-sottomissjoni ta' pjanijiet jew ta' permessi tal-bini).

L-akbar varjazzjoni bejn l-Istati Membri hija fir-riżervi ta' attivitajiet. Kif inhu wkoll il-każ għall-inġiniera ċivili, ir-riżervi jistgħu jkunu mifruxin fuq diversi regoli u regolamentazzjonijiet, li jistgħu jkopru r-regoli dwar il-kostruzzjoni, ir-restawr, il-protezzjoni kulturali, l-effiċjenza enerġetika u oħrajn.

Meta l-attivitajiet ikunu riżervati, ħafna drabi jkollhom it-tendenza li jiġu kondiviżi ma' professjonijiet relatati, b'mod partikolari għall-inġiniera ċivili. Filwaqt li **r-Renju Unit** u **n-Netherlands** jiddependu biss fuq il-protezzjoni tat-titoli għall-periti mingħajr ebda riżervi, **l-Awstrija**, **il-Kroazja**, **l-Irlanda**, **l-Italja**, **il-Lussemburgu**, **il-Portugall**, **ir-Rumanija** u **Spanja** jirriżervaw firxa wiesgħa ta' attivitajiet flimkien mal-protezzjoni tat-titoli, pereżempju:

- id-disinn u l-ippjanar arkitettoniċi, l-istudji ta' fattibbiltà;
- l-eżami tad-disinn u d-dokumentazzjoni relatata miegħu;
- il-preparazzjoni, is-sottomissjoni, l-iffirmar tad-dokumentazzjoni marbuta mal-kontroll tekniku u mal-konformità jew mal-permessi jew iċ-ċertifikazzjoni tal-proġetti;
- il-ġestjoni tal-ispejjeż tal-kostruzzjoni, il-monitoraġġ tal-kostruzzjoni u l-eżekuzzjoni;
- id-disinn ta' ppjanar territorjali urban.

**Il-Polonja** u **s-Slovakkja** jirriżervaw ukoll bosta attivitajiet iżda mingħajr il-protezzjoni tat-titoli. **Il-Bulgarija** tirriżerva għall-periti u għall-inġiniera t-tħejjija ta' pjanijiet tat-territorju u ta' proġetti ta' investiment kif ukoll is-sottomissjoni ta' dawn id-dokumenti u l-pjanijiet lill-awtoritajiet kompetenti. **Il-Ġermanja** tirriżerva t-tħejjija ta' dokumenti għall-applikazzjonijiet għall-permessi ta' bini għall-periti u għall-inġiniera fil-Länder kollu; din l-attività titqies minn xi wħud bħala l-aktar attività importanti[36]. **L-Irlanda** hija eżempju tal-bidliet reċenti: min-nuqqas ta' regolamentazzjoni qabel l-2007, il-pajjiż minn dakinhar introduċa l-protezzjoni tat-titoli flimkien mar-riżervi tal-attivitajiet.

Meta wieħed iqis id-distinzjonijiet fl-akkumulazzjoni ta' miżuri addizzjonali, wieħed jista' jara diverġenza fl-intensità regolatorja:

L-ewwel nett, **l-Awstrija**, **Ċipru**, **l-Estonja**, **il-Finlandja**, **l-Ungerija**, **Malta** u **n-Netherlands** ma għandhom l-ebda rekwiżit fis-seħħ fil-qasam tal-assigurazzjoni, filwaqt li **l-Belġju**, **il-Bulgarija**, **il-Kroazja**, **ir-Repubblika Ċeka**, **Franza**, **il-Ġermanja**, **l-Italja**, **l-Irlanda**, **il-Latvja**, **il-Litwanja**, **il-Lussemburgu**, **il-Portugall**, **is-Slovakkja**, **Spanja**, **ir-Rumanija**, **il-Polonja** u **r-Renju Unit** għandhom.

It-tieni, 16-il Stat Membru jimponu restrizzjonijiet fuq il-forma korporattiva u l-parteċipazzjoni azzjonarja, u kollha, ħlief l-Awstrija, Ċipru u Malta, jagħmlu dan flimkien mar-rekwiżiti fil-qasam tal-assigurazzjoni. **Il-Belġju, Ċipru** u **r-Rumanija** jimponu b'mod partikolari restrizzjonijiet kbar fuq il-forma korporattiva u l-parteċipazzjoni azzjonarja. Pereżempju, **Ċipru** jirrikjedi 100 % tal-ishma minn professjonisti u ma jippermettix li

[36] Il-varjazzjoni fir-regolamentazzjoni fil-Länder kollu ma tirrigwardax biss ir-riżervi iżda wkoll ir-rekwiżiti marbuta mal-parteċipazzjoni azzjonarja u mal-esperjenza professjonali preċedenti. Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa wkoll fil-livell reġjonali u minħabba f'hekk tvarja.

jingħataw servizzi tal-arkitettura permezz ta' kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata. **Il-Belġju** jeżiġi li 60 % tal-ishma u tad-drittijiet tal-vot jinżammu mill-periti filwaqt li **Malta** tillimita l-forom tal-kumpaniji iżda tirrikjedi wkoll 100 % tal-parteċipazzjoni azzjonarja. **Ir-Rumanija** teżiġi li n-negozji jkunu proprjetà biss tal-periti; madankollu, tippermetti l-istabbiliment ta' kumpaniji ta' disinn kummerċjali li bħala l-għan prinċipali tal-attività tagħhom għandhom id-disinn arkitettoniku, bil-kundizzjoni li l-kumpanija tinkludi tal-inqas perit wieħed. **L-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, is-Slovakkja** u **Spanja** jeżiġu li tal-anqas 50 % tal-ishma jinżammu mill-professjonisti.

Barra minn hekk, fl-**Awstrija** l-ambitu esklużiv tal-attività tad-ditti tal-arkitettura jrid ikun l-għoti ta' servizzi tal-arkitettura, li għalhekk jillimita b'mod sinifikanti l-possibbiltà ta' eżerċizzju konġunt ma' professjonijiet oħra.

Madwar 15-il Stat Membru jimponu l-iżvilupp professjonali kontinwu (CPD) iżda jadottaw firxa wiesgħa ta' approċċi: **Ir-Rumanija** teżiġi massimu ta' 96 siegħa fis-sena (ċikli ta' ħames snin, sitt ċikli matul il-karriera), filwaqt li **l-Ungerija** tagħmel dan permezz ta' ċiklu ta' eżami ta' ħames snin u n-**Netherlands** jeżiġi biss 16-il siegħa fis-sena. Id-**Danimarka** tobbliga lil min iħaddem li jirriżerva 10 % tas-salarju annwali tal-impjegati għas-CPD tagħhom, filwaqt li l-**Awstrija** tippermetti lill-periti jippreżentaw ix-xogħol professjonali tagħhom bħala CPD.

Punt ieħor li jrid jitqies jirrigwarda l-frammentazzjoni tal-aċċess għas-suq, li jista' jikkawża konfużjoni u livelli ta' awtorizzazzjoni bla bżonn f'pajjiżi bħal-**Latvja** u l-**Polonja**.

**Rakkomandazzjonijiet**

**L-Awstrija**, **il-Kroazja**, **l-Irlanda**, **l-Italja**, **il-Lussemburgu**, **il-Polonja**, **il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja** u **Spanja** għandhom iqisu mill-ġdid l-ambitu wiesa' tal-attivitajiet riżervati.

**L-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, ir-Rumanija, is-Slovakkja** u **Spanja** għandhom jikkunsidraw l-impatt tar-restrizzjonijiet tal-parteċipazzjoni azzjonarja u tal-forma korporattiva li għandhom fis-seħħ flimkien ma' rekwiżiti oħra.

**L-Awstrija** għandha tivvaluta l-proporzjonalità tar-restrizzjonijiet tagħha fuq l-attivitajiet multidixxiplinari.

**Ċipru** u **Malta** jeħtieġ li jirrevedu l-obbligu li 100 % tal-ishma ta' kumpanija jridu jinżammu mill-professjonisti.

**L-Istati Membri** b'sistema frammentata tal-professjoni jew b'diversi rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni, bħal-**Latvja** u l-**Polonja**, għandhom jirriflettu fuq l-effetti tas-sistema tagħhom fuq il-moviment liberu ta' professjonisti u jekk l-ostakli potenzjali jistgħux jiġu ġġustifikati.

**L-Istati Membri** fejn iċ-ċertifikazzjoni professjonali hija obbligatorja għall-professjonijiet mhux regolati jew li jiddependu fuq kontrolli u bilanċi oħra, partikolarment dwar l-għoti ta' servizzi speċifiċi, għandhom jirrevedu l-koerenza globali u l-effetti prattiċi ta' dan il-mudell biex jevitaw li dan joħloq ostaklu għall-aċċess għall-professjoni.

**L-Irlanda** għandha tqis ukoll l-impatt u l-ħtieġa tat-tibdil riċenti, b'mod partikolari r-riżervi tal-attivitajiet.

## II.2. Inġiniera

Hemm bosta similaritajiet bejn l-Istati Membri fejn għandha x'taqsam ir-regolamentazzjoni tal-professjoni tal-inġiniera ċivili. L-istess definizzjonijiet wiesgħa jistgħu jinstabu ripetutament għall-"ambitu tal-attivitajiet" u bosta Stati Membri jirrappurtaw l-istess riskji u għandhom l-istess interessi ġenerali meta jirregolaw il-professjoni. Madankollu, minkejja din il-konverġenza, l-approċċ regolatorju lejn il-professjoni jvarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor.

**Ċart 3: Indikatur ta' restrizzjoni: Inġiniera ċivili**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, Novembru 2016.

Iċ-Ċart 3 turi l-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri f'termini ta' restrizzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-professjoni ta' inġinier ċivili u tal-eżerċizzju tagħha, skont l-indikatur ġdid ta' restrizzjoni.

Hemm qbil ġenerali li s-servizzi pprovduti mill-inġiniera jridu jkunu ta' livell li jiggarantixxi s-sikurezza tal-bini u tal-pubbliku u jiggarantixxu l-kwalità tas-servizz mogħti. Filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ir-regolamentazzjoni tal-professjoni titqies bħala l-approċċ meħtieġ sabiex tiġi ggarantita s-sikurezza, Stati Membri oħra sabu modi differenti biex jiżguraw il-kwalità jew biex jissalvagwardjaw l-għanijiet rilevanti ta' interess ġenerali. Pereżempju, fin-**Netherlands** teżisti regolamentazzjoni dwar l-istandards tal-kostruzzjoni, li tiżgura l-kwalità tax-xogħol imwettaq. Fl-**Iżvezja**, il-prinċipju tar-responsabbiltà tal-klijent tradizzjonalment kien ta' importanza kbira, flimkien mal-kontrolli mill-muniċipalitajiet tax-xogħol imwettaq. Bħal fil-każ tal-periti, id-differenzi bejn iż-żewġ mudelli jistgħu jkunu inqas sinifikanti milli jistgħu jidhru fejn il-pajjiżi li "ma jirregolawx" jużaw iċ-ċertifikazzjoni tal-kompetenzi tal-inġiniera[37] jew l-evalwazzjoni *ad hoc* tal-kompetenzi jew tal-esperjenza fuq bażi ta' każ b'każ bħala kundizzjoni biex l-inġiniera jitħallew jipprovdu servizzi speċifiċi (eż. is-sottomissjoni ta' pjanijiet jew ta' permessi tal-bini eċċ.).

Fost il-pajjiżi li jirregolaw, ċerti Stati Membri bħall-**Belġju**, **Franza** u r-**Renju Unit** jipproteġu biss l-użu tat-titolu professjonali, fejn għandhom x'jaqsmu l-inġiniera kwalifikati (*chartered engineers*).

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi hemm diversi modi kif tista' tiġi eżerċitata l-professjoni ta' inġinier, skont il-limiti tal-awtorizzazzjonijiet/tal-permessi/tat-titoli li jkunu qed jingħataw u/jew il-livelli differenti ta' responsabblità li jkunu qed jingħataw. Dan huwa l-każ tal-anqas fil-**Kroazja, fir-Repubblika Ċeka, fl-Italja, fil-Finlandja**, **fil-Greċja**, **fl-Ungerija**, **fl-Irlanda**, **fil-Latvja**, **fil-Litwanja**, **fil-Lussemburgu**, **fil-Polonja**, **fil-Portugall**, **fir-Rumanija**, **fis-Slovenja**, **fis-Slovakkja, fi Spanja** u **fir-Renju Unit**. Pereżempju, il-**Latvja**

[37] Fl-Estonja, pereżempju, ċerti modalitajiet ta' eżerċizzju tal-attivitajiet professjonali jirrikjedu ċertifikat professjonali (jiġifieri ċertifikat f'ċertu livell maħruġ mill-Awtorità tal-Kwalifiki).

għandha l-aktar reġim speċjalizzat, b'madwar 80 tip ta' ċertifikazzjonijiet possibbli għall-inġiniera ċivili f'diversi oqsma ta' attivitajiet (ir-riċerka jew id-disinn fl-inġinerija, il-ġestjoni tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, is-superviżjoni tal-kostruzzjoni jew l-eżami minn espert tal-kostruzzjoni). Fil-**Polonja** l-attivitajiet tad-disinjar u tal-kostruzzjoni jitwettqu minn żewġ tipi differenti ta' inġiniera jew b'mod konġunt mill-istess inġinier, skont il-kwalifika li jkollhom. Barra minn hekk, l-inġiniera ċivili jkunu jistgħu jwettqu attivitajiet ta' disnjar/kostruzzjoni b'kapaċità sħiħa jew ristretta, skont il-livell tal-kwalifika.

Dawn id-diverġenzi fl-organizzazzjoni tal-professjoni huma riflessi wkoll fl-attivitajiet riżervati, li għalhekk ivarjaw ukoll minn pajjiż għall-ieħor. B'mod ġenerali, l-attivitajiet riżervati jikkonċernaw prinċipalment id-disinn jew il-kostruzzjoni. **L-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Italja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija** u **Spanja** joperaw b'ambitu wiesa' ta' riżerva ta' attivitajiet, għalkemm għal xi wħud, dawk l-attivitajiet huma kondiviżi ma' professjonijiet oħra. **Malta** għandha l-partikolarità li l-attivitajiet riżervati mhumiex elenkati f'att wieħed. Minflok, fl-atti legali differenti jinsabu referenzi għal "*Perit*" bħala l-uniku professjonist li jista' jwettaq u jassumi r-responsabbiltà għal ċerti attivitajiet. **Fil-Ġermanja** r-riżerva hija limitata għas-sottomissjoni ta' dokumenti tal-ippjanar.

**L-Awstrija**, **Ċipru**, **il-Ġermanja**, **Malta**, **is-Slovakkja** u **Spanja** jimponu restrizzjonijiet fuq ir-rekwiżiti tal-parteċipazzjoni azzjonarja. Pereżempju, **Ċipru** u **Malta** jeżiġu li 100 % tal-parteċipazzjoni azzjonarja tinżamm mill-professjonisti, filwaqt li l-**Awstrija**, il-**Ġermanja** u s-**Slovakkja** jeżiġu li mill-inqas 50 % tal-ishma jinżammu mill-professjonisti.

Fl-**Awstrija** l-ambitu esklużiv tal-attività tad-ditti tal-inġinerija ċivili jrid ikun l-għoti ta' servizzi tal-inġinerija, li għalhekk jillimita b'mod sinifikanti l-possibbiltà ta' eżerċizzju konġunt ma' professjonijiet oħra.

Madwar 14-il Stat Membru jeżiġu sħubija mal-organizzazzjoni professjonali u f'16-il Stat Membru l-assigurazzjoni ta' indennizz professjonali hija obbligatorja.

Fir-rigward tal-mobbiltà transfruntiera tal-inġiniera, il-koeżistenza ta' sistemi unitarji u frammentati tista' toħloq ostakli għall-inġiniera ċivili li jiċċaqalqu minn pajjiż b'sistema unitarja għal pajjiż b'sistema frammentata. Pereżempju, inġinier li ġej minn pajjiż fejn l-inġiniera ċivili jitħallew iwettqu bosta tipi differenti ta' xogħol fi kwalunkwe settur isibha diffiċli f'pajjiżi bħal-Latvja jew ir-Rumanija biex jidentifika s-settur tal-inġinerija ċivili li jista' jkollu aċċess għalih u jista' jkun diffiċli jew saħansitra impossibbli li jkollu aċċess għas-setturi kollha mingħajr miżuri ta' kumpens importanti.

**Rakkomandazzjonijiet**

**L-Awstrija**, **ir-Repubblika Ċeka**, **l-Italja**, **il-Polonja, il-Portugall**, **ir-Rumanija** u **Spanja** għandhom iqisu mill-ġdid l-ambitu wiesa' tal-attivitajiet riżervati.

**Malta** għandha tiċċara liema attivitajiet huma riżervati għall-*"Periti"*.

**Spanja** għandha tivvaluta mill-ġdid ir-rekwiżit biex tinkiseb awtorizzazzjoni minn organizzazzjoni professjonali għal ċerti proġetti/xogħlijiet.

**Ċipru** u **Malta** jeħtieġ li jirrevedu l-obbligu li 100 % tal-ishma ta' kumpanija jridu jinżammu mill-professjonisti.

**L-Awstrija**, **il-Ġermanja** u **s-Slovakkja** għandhom jivvalutaw il-proporzjonalità tar-rekwiżiti għall-parteċipazzjoni azzjonarja.

**L-Awstrija** għandha tivvaluta r-restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet multidixxiplinari.

**L-Istati Membri** fejn iċ-ċertifikazzjoni professjonali hija obbligatorja għall-professjonijiet mhux regolati jew li jiddependu fuq kontrolli u bilanċi oħra, partikolarment dwar l-għoti ta' servizzi speċifiċi, għandhom jirrevedu l-koerenza globali u l-effetti prattiċi ta' dan il-mudell biex jevitaw li dan joħloq ostaklu għall-aċċess għall-professjoni.

**L-Istati Membri** b'sistema frammentata tal-professjoni jew b'diversi rekwiżiti, skont l-attivitajiet speċifiċi mwettqa, **bħal-Latvja**, għandhom jirriflettu fuq l-effetti tas-sistema tagħhom fuq il-moviment liberu tal-professjonisti u jekk l-ostakli potenzjali jistgħux jiġu ġġustifikati.

## II.3. Kontabilisti/konsulenti tat-taxxa

Il-kontabilisti/konsulenti tat-taxxa huma grupp partikolarment varjat ta' professjonijiet, bħall-kontabilisti, il-kontabilisti ċċertifikati jew il-konsulenti tat-taxxa, b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-organizzazzjoni ta' professjonijiet f'dan il-qasam u fir-rigward tar-regolamentazzjoni rispettiva. F'19-il Stat Membru, professjoni waħda jew aktar f'dan il-qasam huma regolati, jew:

- permezz ta' riżervi ta' attivitajiet u ta' titolu protett **(l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija)**;
- permezz ta' riżervi ta' attivitajiet **(il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja)**; jew
- permezz tal-protezzjoni tat-titolu professjonali biss **(il-Greċja, l-Irlanda, in-Netherlands, ir-Renju Unit)**.

Fir-**Renju Unit** pereżempju, il-kontabilità hija settur kompetittiv ferm u għalkemm id-dħul għall-professjoni mingħajr kwalifika professjonali huwa teoretikament possibbli, il-gradwati li jkollhom titolu professjonali għandhom vantaġġ kompetittiv konsiderevoli fuq il-kandidati l-oħra. F'disa' Stati Membri, jiġifieri f'**Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Litwanja, il-Latvja, is-Slovenja, Spanja** u **l-Iżvezja,** il-professjoni mhix regolata. B'mod ġenerali l-Istati Membri jiġġustifikaw ir-regolamentazzjoni fis-settur permezz tar-rwol importanti li l-konsulenti tat-taxxa/il-kontabilisti għandhom fis-sistemi fiskali kollha fl-għajnuna li tingħata lill-konsumaturi u l-kontribwenti biex ikunu konformi mal-obbligi tat-taxxa tagħhom.

**Ċart 4: Indikatur ta' restrizzjoni: Kontabilisti/konsulenti tat-taxxa**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, Novembru 2016.

Iċ-Ċart 4 turi l-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri f'termini ta' restrizzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-professjoni ta' kontabilist jew ta' konsulent tat-taxxa u għall-eżerċizzju tagħha, skont l-indikatur ta' restrizzjoni l-ġdid. L-indikatur ma jqisx ir-regolamentazzjoni tal-

professjoni ta' awditur, li hija regolata fl-Istati Membri kollha abbażi tad-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati.

Xi Stati Membri jirriżervaw kemm l-attivitajiet ta' konsulenza dwar it-taxxa kif ukoll dawk ta' kontabilità (ta' spiss kondiviżi ma' professjonisti oħra, pereżempju **fir-Repubblika Ċeka, Franza,**[38] **il-Portugall, ir-Rumanija)**. **Il-Bulgarija** u **l-Lussemburgu** jirriżervaw biss il-kontabilità, jiġifieri ż-żamma tal-kotba/it-tfassil ta' rapporti finanzjarji konsolidati, filwaqt li **l-Ġermanja** tirriżerva biss il-konsulenza dwar it-taxxa u r-rappreżentanza quddiem l-awtoritajiet tat-taxxa. **Ir-Rumanija** għandha tliet tipi differenti ta' professjonijiet regolati fis-settur, filwaqt li **l-Awstrija** għandha erba' professjonijiet.

**L-Italja** tirriżerva ċerti attivitajiet relatati mal-pagi li huma pjuttost sempliċi lill-kontabilisti b'mod li jimplika piż addizzjonali għan-negozji ż-żgħar.Bħalissa **l-Kroazja** qed tirriforma l-professjoni tal-konsulenti tat-taxxa, billi tistabbilixxi firxa wiesgħa ħafna ta' attivitajiet li huma jew esklussivament riżervati għall-professjoni jew li jinkludu kompiti sempliċi bħall-preparazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa għaċ-ċittadini u għan-negozji ż-żgħar. Filwaqt li **Franza** tirriżerva ż-żamma tal-kotba għall-esperti tal-kontabilità, qorti nazzjonali reċentement iddeċidiet li d-dħul elettroniku tal-entrati kontabilistiċi qabel ma dawn jiġu approvati ma jaqax taħt l-ambitu tal-attivitajiet riżervati. Madankollu, din is-sentenza ma ġietx implimentata bis-sħiħ.

Ir-rekwiżiti ta' kwalifiki wkoll ivarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri. It-tul totali tat-taħriġ ivarja bejn tliet snin (**il-Greċja, ir-Repubblika Ċeka**) u tmien snin (**Franza, ir-Rumanija**).

Skont l-informazzjoni fil-bażi tad-dejta tal-professjonijiet regolati, **fil-Belġju, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija** u **s-Slovakkja** hemm bżonn ta' żvilupp professjonali kontinwu.

Ir-reġistrazzjoni obbligatorja ma' korp professjonali jew f'reġistru professjonali hija prevista fi 15-il Stat Membru, pereżempju fi **Franza**, **il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja** u **l-Lussemburgu**.

L-assigurazzjoni ta' indennizz professjonali hija obbligatorja f'14-il Stat Membru, jiġifieri **fl-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja** u **r-Renju Unit.**

F'ħafna każijiet, ir-regoli ta' inkompatibbiltà jew ir-restrizzjonijiet multidixxiplinari li jaffettwaw lill-kontabilisti/konsulenti tat-taxxa huma attwalment stabbiliti fir-regolamentazzjoni ta' professjonijiet oħra, bħal avukati u awdituri.

Uħud mill-Istati Membri, pereżempju **l-Ġermanja** u **Franza**, għandhom projbizzjonijiet fuq l-eżerċizzju konġunt tal-attivitajiet, li jippermettu l-kooperazzjoni ma' numru limitat ta' professjonijiet biss, pereżempju f'setturi legali jew tal-kontabilità. Jidher li **l-Belġju** jimponi regoli ta' inkompatibbiltà stretti li jipprojbixxu l-attivitajiet multidixxiplinarji u l-eżerċizzju simultanju ta' kull attività ekonomika oħra għall-professjonisti tal-kontabilità fil-Belġju.

Diversi Stati Membri (**il-Ġermanja, il-Portugall** u **r-Rumanija**) jimponu wkoll rekwiżiti dwar il-forma ġuridika u l-parteċipazzjoni azzjonarja. Filwaqt li **l-Ġermanja** tippermetti lill-kumpaniji professjonali li jwettqu attivitajiet relatati ma' konsulenza dwar it-taxxa skont kundizzjonijiet speċifiċi, hemm nuqqas ta' ċertezza legali fir-rigward tal-kundizzjonijiet li

[38] Fi **Franza**, il-konsulenza dwar it-taxxa li tinvolvi kwistjonijiet kumplessi hija riżervata għall-avukati, iżda l-esperti tal-kontabilità jistgħu jipprovdu konsulenza dwar it-taxxa lill-klijenti tagħhom. L-awdituri u n-nutara jistgħu jipprovdu wkoll konsulenza dwar it-taxxa jekk tkun marbuta mal-attivitajiet tagħhom.

skonthom il-kumpaniji professjonali stabbiliti fi Stati Membri oħra jistgħu legalment jipprovdu servizzi fuq bażi temporanja jew okkażjonali. **Il-Belġju**, **Franza, il-Ġermanja**, **l-Irlanda**, **Malta**, **il-Polonja, il-Portugall**, **ir-Rumanija** u **s-Slovakkja** jitolbu li mill-inqas 50 % tal-ishma jinżammu mill-professjonisti.

Rekwiżiti oħra ta' awtorizzazzjoni jinkludu reputazzjoni tajba u prova li qatt ma fallew qabel, jew l-obbligu ta' residenza fit-territorju nazzjonali (**il-Kroazja**). Ir-restrizzjonijiet li jitolbu residenza fit-territorju nazzjonali jidhru li jikkostitwixxu ksur tal-liġi tal-Unjoni.

**Rakkomandazzjonijiet**

**L-Istati Membri kollha li jirregolaw il-professjonijiet fis-settur** għandhom jikkunsidraw mill-ġdid li jirriżervaw kompiti sempliċi, bħall-attivitajiet relatati mal-pagi jew il-preparazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa, għall-professjonisti bi kwalifiki għoljin.

**Il-Kroazja** għandha (i) tivvaluta mill-ġdid il-proporzjonalità tal-ambitu estiż tal-attivitajiet riżervati għall-konsulenti tat-taxxa bħala parti mir-riforma li jmiss, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu riżervati attivitajiet bħat-tfassil tad-dikjarazzjoni tat-taxxa; (ii) tqis il-possibbiltà li taqsam l-attività tal-konsulenza dwar it-taxxa ma' professjonisti oħra fis-settur, skont il-Kawża C-451/03.

**Il-Kroazja** jeħtieġ li tneħħi r-restrizzjonijiet li jirrikjedu residenza fit-territorju nazzjonali.

**Il-Kroazja** teħtieġ ukoll li tikkunsidra b'mod sħiħ il-kwalifiki professjonali miksuba barra mill-pajjiż f'konformità mad-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali.

**L-Italja** u **r-Rumanija** għandhom jivvalutaw il-konsistenza tal-attivitajiet riżervati u d-distribuzzjoni bejn id-diversi professjonijiet regolati fis-settur. B'mod partikolari, **l-Italja** għandha tikkunsidra b'mod sħiħ il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-79/01 meta jiġu definiti l-attivitajiet riżervati għall-professjonisti, b'mod partikolari l-attivitajiet relatati mal-pagi.

**Franza** għandha tiċċara l-ambitu tal-attivitajiet riżervati għall-esperti tal-kontabilità, b'mod partikolari fir-rigward ta' kompiti bħad-dħul ta' entrati kontabilistiċi b'mod elettroniku, skont il-ġurisprudenza nazzjonali u l-Kawża C-79/01.

**Il-Belġju** għandha tivvaluta mill-ġdid ir-regoli ta' inkompatibbiltà li jipprojbixxu l-eżerċizzju simultanju ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra għat-tipi kollha ta' professjonisti tal-kontabilità, b'mod speċjali għal dawk fejn il-kunflitti ta' interess jistgħu jiġu evitati fuq bażi ta' każ b'każ.

**Il-Ġermanja** għandha tiżgura segwitu xieraq tal-Kawża C-342/14, sabiex tiżgura t-trasparenza u ċ-ċertezza legali, partikolarment fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa minn kumpaniji stabbiliti fi Stati Membri oħra.

**Il-Belġju**, **Franza**, **il-Ġermanja**, **l-Irlanda**, **Malta**, **il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija** u **s-Slovakkja** għandhom jivvalutaw il-proporzjonalità tar-rekwiżiti għall-parteċipazzjoni azzjonarja.

## II.4. Avukati

L-approċċi regolatorji nazzjonali dwar l-avukati huma pjuttost uniformi fl-Istati Membri kollha fis-sens li l-professjoni tiġi regolata permezz ta' riżervi ta' attivitajiet u ta' titolu protett fl-Istati Membri kollha[39].

**Ċart 5: Indikatur ta' restrizzjoni: Avukati**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, Novembru 2016.

Iċ-Ċart 5 turi l-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri f'termini ta' restrizzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-professjoni ta' avukat u għall-eżerċizzju tagħha, skont l-indikatur ta' restrizzjoni l-ġdid.

Minħabba l-attivitajiet differenti tal-professjoni, eż. ir-rappreżentanza legali, il-pariri legali, it-tfassil ta' dokumenti legali, l-Istati Membri adottaw approċċi differenti fir-rigward tal-firxa ta' attivitajiet riżervati għall-avukati.

L-Istati Membri kollha jirriżervaw għall-avukati l-attivitajiet relatati mar-rappreżentanza ta' klijenti quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji, għalkemm kif dan effettivament isir ivarja (xi drabi l-attività tiġi kondiviża ma' professjonijiet legali oħra). **Spanja**, pereżempju, tirregola żewġ professjonijiet fis-settur: *abogados* u *procuradores*. Madankollu, hija tirriżerva ċerti attivitajiet esklussivament għal tal-aħħar, bħar-rappreżentanza teknika ta' klijenti jew il-komunikazzjoni ta' dokumenti lill-qrati, billi l-*abogados* huma ugwalment ikkwalifikati biex iwettqu dawn l-attivitajiet u huma soġġetti għall-istess regoli tal-kondotta professjonali. Fir-**Renju Unit**, l-Ingilterra u Wales, l-Irlanda ta' Fuq u l-Iskozja għandhom regoli speċifiċi għall-professjonijiet ta' *solicitor* u *barrister* jew *advocates* u għal dawn iż-żewġ kategoriji jirriżervaw firxa wiesgħa ta' attivitajiet bħalma huma d-dritt ta' udjenza, il-ġestjoni ta' litigazzjoni, l-attivitajiet ta' strumenti riżervati, l-attivitajiet dwar wirt, l-attivitajiet nutarili, l-attivitajiet u l-amministrazzjoni ta' ġuramenti.

Il-pariri legali huma riżervati għall-avukati f'diversi Stati Membri, bħal **Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija** u **s-Slovakkja**. F'dak il-kuntest, in-nuqqas ta' ċarezza dwar il-kontenut preċiż ta' din l-attività riżervata jista' jwassal għal diffikultajiet f'oqsma bħall-għoti ta' konsultazzjonijiet legali online u l-awtomatizzazzjoni diġitali ta' dokumenti legali online minn persuni li ma jkunux avukati.

[39] Abbażi tas-similaritajiet fir-regolamentazzjoni tal-professjoni, b'mod partikolari billi jiġi protett it-titolu professjonali, l-avukati jibbenefikaw minn żewġ Direttivi speċifiċi, jiġifieri fir-rigward tal-possibbiltà li jipprovdu servizzi fuq bażi temporanja jew okkażjonali skont it-titolu professjonali tal-pajjiż ta' oriġini (id-Direttiva 77/249/KEE), jew fir-rigward tal-possibbiltà li jkunu stabbiliti fuq bażi permanenti fi Stat Membru ieħor skont it-titolu professjonali tal-pajjiż ta' oriġini (id-Direttiva 98/5/KE). Filwaqt li dawn iż-żewġ Direttivi ma jiddefinixxux l-attivitajiet, riżervati għall-professjoni b'mod ġenerali, dawn jirreferu għall-"attivitajiet tal-avukati", bħall-attivitajiet relatati mar-rappreżentanza ta' klijent fi proċedimenti ġuridiċi jew quddiem l-awtoritajiet pubbliċi, kif ukoll pariri legali.

Għalkemm l-iżviluppi teknoloġiċi naqqsu sa ċertu punt l-asimetrija tal-informazzjoni bejn l-avukati u l-konsumaturi, b'informazzjoni legali bħal-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza aċċessibbli b'mod mifrux fuq l-internet, fil-**Bulgarija** abbozz ta' liġi tal-2015 jissuġġerixxi li l-konsultazzjonijiet legali u r-rappreżentanza quddiem għadd ta' awtoritajiet amministrattivi għandhom jiġu riżervati għall-avukati.

Minħabba r-rwol partikolari tagħhom, ir-regoli dwar l-aċċess u t-twettiq tal-professjoni legali huma fost l-aktar stretti fis-settur tas-servizzi tan-negozju. F'termini ta' kwalifiki, fil-parti l-kbira tal-Istati Membri l-edukazzjoni għolja hija meħtieġa (lawrja fil-liġi hija obbligatorja), segwita minn apprendistat obbligatorju u/jew esperjenza professjonali addizzjonali u l-eżami statali għall-avukati. It-tul totali tat-taħriġ ivarja bejn tliet snin (**fl-Irlanda**) sa disa' snin (**is-Slovenja**). Madankollu, jidher li f'xi Stati Membri (**il-Greċja, l-Italja**), it-taħriġ u l-esperjenza miksuba barra mill-pajjiż mhumiex meqjusa kif xieraq meta jiġi permess l-aċċess għall-apprendistat legali għall-avukati[40]. Reċentement, **Spanja** introduċiet regoli ġodda dwar il-kwalifiki tal-avukati, iżda hemm nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' gradwati li bdew l-istudji tagħhom qabel id-dħul fis-seħħ tar-riforma.

Ċerti Stati Membri jimponu rekwiżiti ta' kwalifiki professjonali addizzjonali (eż. esperjenza professjonali addizzjonali) sabiex ikunu jistgħu jipprattikaw quddiem l-ogħla qrati (**il-Belġju, il-Bulgarija, Franza, il-Ġermanja** u **l-Greċja**). F'xi wħud minn dawn il-pajjiżi, pereżempju **l-Belġju, Franza** u **l-Ġermanja**, l-avukati li jipprattikaw quddiem il-qrati supremi huma soġġetti wkoll għal rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni addizzjonali u l-kundizzjonijiet ta' aċċess għal avukati minn Stati Membri oħra li jipprattikaw taħt it-titolu ta' pajjiżhom għadhom mhumiex ċari.

L-iżvilupp professjonali kontinwu obbligatorju huwa previst fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ħlief **fir-Repubblika Ċeka**, **il-Greċja**, **Malta**, **is-Slovakkja, is-Slovenja** u **Spanja** fejn dan huwa volontarju. Minkejja l-ġurisprudenza estensiva dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki,[41] ir-rikonoxximent reċiproku tal-iżvilupp professjonali kontinwu transfruntier tal-avukati jidher li huwa problematiku, b'mod partikolari għall-avukati li jixtiequ jibbenefikaw mid-drittijiet mogħtija lilhom skont iż-żewġ Direttivi dwar l-Avukati.

L-Istati Membri kollha jimponu r-reġistrazzjoni obbligatorja ma' korp professjonali jew f'reġistru professjonali. F'dan ir-rigward, f'xi pajjiżi jistgħu jiġu osservati żviluppi riċenti, bħal **fl-Irlanda** u **fir-Renju Unit**, li wasslu għas-separazzjoni tar-regolaturi legali u tal-korpi rappreżentattivi.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jimponu regoli dwar l-inkompatibbiltà u restrizzjonijiet multidixxiplinari stretti,[42] kif ukoll ir-rekwiżiti dwar il-forma ġuridika u l-parteċipazzjoni azzjonarja. Dawn ir-rekwiżiti jridu jiġu vvalutati billi jitqies l-ambitu tar-riżervi ta' attivitajiet. Filwaqt li dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu ġġustifikati għal attivitajiet relatati mar-rappreżentanza fil-qorti, l-effetti kumulattivi tagħhom jidhru aktar stretti meta l-attivitajiet ikunu riżervati wkoll għall-avukati.

F'dan ir-rigward, l-Istati Membri kollha għandhom jew regola ġenerali biex jiġi evitat il-kunflitt ta' interess jew ir-regoli dwar l-inkompatibbiltà dettaljati li jipprojbixxu l-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet bħall-kummerċ jew l-impjiegi bi ħlas, bl-eċċezzjoni ta' dawk espliċitament permessi (eż. it-tagħlim jew ir-riċerka). **Fl-Italja**, pereżempju, mhuwiex possibbli għall-avukati li jeżerċitaw fl-istess ħin il-professjoni ta' aġent tal-privattivi,

[40] Ara l-Kawża C-313/01 *Morgenbesser,* li tippermetti lill-gradwati fil-liġi li jwettqu apprendistati legali fi kwalunkwe Stat Membru, wara li jiġu vvalutati l-kwalifiki miksuba barra mill-pajjiż.
[41] Il-Kawża C-340/89 *Vlassopoulou.*
[42] Ara l-Kawża C-309/99 *Wouters.*

għalkemm iż-żewġ professjonijiet għandhom regoli ta' kondotta professjonali u attivitajiet ta' kondiviżjoni simili.

Ir-restrizzjonijiet multidixxiplinari jvarjaw minn projbizzjoni totali (**il-Bulgarija**, **ir-Repubblika Ċeka**) għal permess ta' ċerti attivitajiet multidixxiplinari b'għadd limitat ta' professjonijiet (**Franza**, **il-Ġermanja, in-Netherlands**). **Fl-Estonja**, l-avukati jistgħu jipparteċipaw fil-ġestjoni ta' kumpanija jekk din il-parteċipazzjoni tkun kompatibbli mal-attivitajiet professjonali ta' "*advokaat*" u ma tistax tikkomprometti l-indipendenza tal-avukat.

Għadd limitat ta' Stati Membri jippermetti l-involviment f'ditti legali ta' persuni li ma jkunux avukati[43]. **Ir-Renju Unit** (b'mod speċifiku l-Ingilterra u Wales) introduċa l-possibbiltà għall-avukati li jipparteċipaw fi strutturi kummerċjali alternattivi (ABS), li jippermettu s-sjieda għal persuni li ma jkunux avukati u l-prattiki multidixxiplinari. Is-sjieda għal persuni li ma jkunux avukati ta' kumpaniji hija wkoll possibbli fi **Spanja** (sa 25 %) u sa ċertu punt **fid-Danimarka**. **Fil-Ġermanja**, aktar minn 50 % tal-ishma tal-kumpanija għandhom jinżammu minn avukati (il-professjonisti tal-kontabilità jew legali oħra biss jistgħu jkunu azzjonisti). Fi Frar 2016, il-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża ddikjarat li l-projbizzjoni ta' sħubija professjonali ma' tobba u spiżjara kienet tmur kontra l-kostituzzjoni. **Fil-Finlandja**, filwaqt li l-ishma f'kumpaniji b'responsabbiltà limitata jridu jkunu jappartjenu lil *advocates,* il-Kumitat nazzjonali tal-Avukati jista' jagħti eżenzjoni f'każijiet speċifiċi. Is-soċjetà f'isem kollettiv huma ġeneralment permessi u f'ħafna Stati Membri l-eżerċizzju tal-professjoni huwa wkoll possibbli taħt il-forma ta' kumpanija professjonali. Għadd ta' pajjiżi jippermettu wkoll lill-avukati li jużaw il-forma ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, pereżempju **fl-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, il-Finlandja**, **Franza** u **l-Ġermanja**.

L-assigurazzjoni tar-responsabbiltà professjonali hija obbligatorja fl-Istati Membri kollha, ħlief **fil-Greċja** u **l-Latvja**, fejn din hija volontarja. F'ħafna każijiet dan l-obbligu jkopri l-attivitajiet kollha relatati mal-eżerċizzju tal-professjoni, inkluż is-servizzi transfruntiera pprovduti fi Stat Membru ieħor. Għalhekk, polza tal-assigurazzjoni tista' tkopri t-territorju kollu tal-UE abbażi ta' primjum wieħed (eż. **Franza, Spanja**), b'hekk tiġi ffaċilitata l-mobilità tal-professjonisti. Hemm ukoll differenzi fir-rigward tal-kopertura minima kif ukoll dwar it-tariffi korrispondenti. Pereżempju, l-ispejjeż huma ħafna ogħla **fir-Renju Unit** milli fi Stati Membri oħra, minħabba l-ambitu estensiv tal-attivitajiet riżervati u minħabba n-natura speċifika tas-suq tar-Renju Unit[44].

Minbarra r-rekwiżiti elenkati hawn fuq, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jeħtieġu ċ-ċittadinanza tal-UE, kondotta kriminali nadifa u li jittieħed ġurament li se jiġu segwiti r-regoli tal-kondotta professjonali u legali. Għadu mhux ċar jekk **is-Slovenja** tippermettix liċ-ċittadini tal-UE kkwalifikati fis-Slovenja biex jeżerċitaw il-professjoni taħt it-titolu Sloven, minħabba r-rekwiżit ta' ċittadinanza Slovena. **Ċipru** jimponi rekwiżit ta' residenza sabiex tkun tista' tiġi eżerċitata l-professjoni, li jidher li jikkostitwixxi ksur tal-liġi tal-Unjoni u jimmina l-effettività tad-Direttivi dwar l-Avukati[45]. Reċentement **l-Italja** imponiet rekwiżit li mill-inqas

---

[43] F'dan ir-rigward, id-Direttiva 98/5/KE tippermetti lill-Istati Membri li jimponu ċerti limitazzjonijiet fuq il-forma tar-raggruppament jew tar-rekwiżiti għall-parteċipazzjoni azzjonarja ta' ditti legali, iżda biss sa fejn ikunu ġġustifikati, meħtieġa u proporzjonati, wara li ssir valutazzjoni każ b'każ. Dan ifisser li dawn ir-rekwiżiti għandhom jinqraw flimkien mal-Artikolu 59 tad-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali, li jkopri l-professjonijiet regolati kollha.

[44] Ir-restrizzjoni ta' dan ir-rekwiżit intgħażlet fl-istudju dwar l-Evalwazzjoni tal-Qafas Legali dwar il-Moviment Liberu tal-Avukati, ara http://ec.europa.eu/internal_market/qualifications/docs/studies/2013-lawyers/report_en.pdf.

[45] Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-metodi moderni ta' trasport u ta' telekomunikazzjonijiet jippermettu lill-avukati sabiex iżommu l-kuntatti meħtieġa mal-klijenti u mal-awtoritajiet ġudizzjarji. Dan l-objettiv fil-mira jista' jintlaħaq billi jiġu imposti obbligi fuq l-avukat li sa ċertu punt jirrestrinġu l-eżerċizzju tal-attivitajiet tiegħu, billi jobbligaw lill-avukat li jipprovdi s-servizzi li jkollu indirizz tas-servizz fl-uffiċċji ta' avukat lokali, fejn in-notifiki mill-awtorità ġudizzjarja inkwistjoni jkunu jistgħu jiġu debitament innotifikati.

ħames każijiet fis-sena huma meħtieġa bħala prova tal-konformità mar-rekwiżit ġenerali tal-eżerċizzju kontinwu u regolari tal-professjoni. **Fil-Kroazja** avukat li ma jkunx eżerċita l-professjoni għal aktar minn 6 xhur jiġi miċħud mid-dritt li jeżerċita l-professjoni, li hija partikolarment problematika għal avukati li jixtiequ jistabbilixxu jew jipprovdu servizzi barra mill-pajjiż.

**Rakkomandazzjonijiet**

**L-Istati Membri kollha li jirriżervaw il-parir legali** għandhom jiċċaraw l-ambitu tar-riżervi sabiex jiffaċilitaw il-provvista ta' servizzi ta' konsulenza legali minn avukati jew fornituri oħra ta' servizzi, b'mod partikolari għas-servizzi online.

**L-Istati Membri kollha** għandhom jivvalutaw ir-rekwiżiti dwar il-forma ġuridika u l-parteċipazzjoni azzjonarja, ir-regoli dwar l-inkompatibbiltà u r-restrizzjonijiet multidixxiplinari, b'mod partikolari għandhom iqisu l-proporzjonalità ta' dawn ir-restrizzjonijiet fir-rigward tal-prinċipji ewlenin, bħall-indipendenza tal-professjoni, u tal-arranġamenti superviżorji korrispondenti. Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat l-effett kumulattiv ta' dawn ir-rekwiżiti f'każijiet fejn l-effetti tagħhom jistgħu jiġu aċċentwati fil-każ ta' riżervi estensivi ta' attivitajiet (pereżempju, meta l-parir legali jkun ukoll parti mill-attivitajiet riżervati).

**Ċipru** għandu jirrevedi r-regola dwar rekwiżit ta' residenza sa fejn ikun applikabbli għaċ-ċittadini tal-UE li qed ifittxu aċċess għall-professjoni f'Ċipru, filwaqt li **s-Slovenja** għandha tneħħi r-rekwiżit ta' nazzjonalità għaċ-ċittadini tal-UE kwalifikati fis-Slovenja.

**Il-Bulgarija** għandha tivvaluta mill-ġdid il-ħtieġa li tirriżerva għall-avukati l-pariri legali u r-rappreżentanza taċ-ċittadini quddiem l-awtoritajiet amministrattivi skont l-abbozz il-ġdid tal-liġi.

**L-Italja** għandha tiċċara r-rekwiżiti li jirrestrinġu l-eżerċizzju tal-professjoni, bħall-ambitu wiesa' tar-regola dwar l-inkompatibbiltà, speċjalment għall-professjonijiet b'regoli ta' kondotta professjonali simili, bħall-aġenti tal-privattivi. Il-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità tar-rekwiżit introdott reċentement li mill-inqas ħames każijiet fis-sena huma meħtieġa, għandhom jiġu vvalutati mill-ġdid.

**Il-Kroazja** għandha tirrevedi d-dispożizzjoni li skontha avukat li ma jkunx eżerċita l-professjoni għal aktar minn 6 xhur għandu jiġu miċħud mid-dritt li jeżerċita l-professjoni.

**Il-Belġju**, **Franza** u **l-Ġermanja** għandhom jintroduċu aktar trasparenza u jirrevedu l-proporzjonalità tar-regoli dwar l-aċċess għal avukati li jixtiequ jeżerċitaw quddiem il-qrati supremi rispettivi tagħhom, u b'mod partikolari għandhom jiċċaraw ir-regoli applikabbli għall-avukati Ewropej.

**Il-Ġermanja** għandha tirrevedi l-ħtieġa li żżomm restrizzjonijiet tal-età għal min irid jeżerċita quddiem il-Qorti Federali tal-Ġustizzja (*Bundesgerichtshof*), b'kuntrast mal-miżuri li jidhru li huma aktar adattati biex jintlaħqu l-għanijiet fil-mira, bħall-esperjenza professjonali.

**Spanja** jeħtieġ li tirrevedi l-ambitu tal-attivitajiet riżervati għall-*procuradores* u b'mod partikolari jekk ċerti attivitajiet, bħar-rappreżentanza teknika jew il-komunikazzjoni ta' dokumenti lill-qrati, jistgħux jiġu kondiviżi mal-*abogados*. **Spanja** għandha wkoll toħroġ linji gwida u struzzjonijiet ċari fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-avukati wara d-dħul fis-seħħ tas-sistema l-ġdida ta' kwalifika.

**Ir-Renju Unit** għandu jivvaluta l-possibbiltajiet biex jadotta approċċ aktar flessibbli fir-rigward tal-obbligi tal-assigurazzjoni tar-responsabbiltà professjonali sabiex jitnaqqas il-piż finanzjarju għall-professjonisti.

**Il-Greċja** u **l-Italja** għandhom jiżguraw li t-taħriġ u l-esperjenza miksuba barra mill-pajjiż jiġu debitament meqjusa sabiex l-avukati jkollhom aċċess għall-apprendistat legali skont il-Kawża
C-313/01.

## II.5. Aġenti tal-privattivi/tat-trademarks

Il-professjoni tal-aġenti tal-privattivi/tat-trademarks[46] minnha nfisha hija regolata fi 22 Stat Membru, filwaqt li fi tnejn oħra l-attivitajiet rilevanti huma espressament riżervati għall-avukati. Fil-parti l-kbira tal-pajjiżi l-professjoni hija regolata permezz ta' riżervi ta' attivitajiet u ta' titolu protett (**l-Awstrija, il-Bulgarija, l-Estonja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja** u **r-Renju Unit**). Diversi pajjiżi jipproteġu biss it-titolu tal-professjoni (**il-Finlandja, l-Irlanda** u **l-Iżvezja**) filwaqt li seba' pajjiżi jirregolaw il-professjoni permezz ta' riżervi ta' attivitajiet biss (**il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Kroazja, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Litwanja, is-Slovakkja**)[47]. Fl-aħħar nett, **Ċipru** u **l-Greċja** jirriżervaw l-attivitajiet għall-avukati biss.

Ir-raġunijiet invokati mill-Istati Membri għar-regolamentazzjoni tal-professjoni huma bbażati fuq: (a) il-protezzjoni tal-konsumaturi u tar-riċevituri tas-servizz (eż. id-detenturi tad-dritt) u (b) l-integrità tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni u s-sistemi ġudizzjarji li jittrattaw dawn il-kwistjonijiet. Għalhekk, l-Istati Membri invokaw bħala raġuni għar-regolamentazzjoni il-fatt li l-aġenti tal-privattivi/tat-trademarks jittrattaw ma' liġijiet dwar il-proprjetà intellettwali u ma' aspetti tekniċi tal-innovazzjonijiet kumplessi ħafna, u li l-użu ħażin tagħhom jagħmel ħsara lill-pożizzjoni tal-klijenti tagħhom u l-użu u l-protezzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'pajjiżhom.

---

[46] F'għadd ta' Stati Membri l-aġenti tal-privattivi huma msejħa avukati tal-privattivi (pereżempju, f'AT u DE "*Patentanwälte*").

[47] L-eżistenza tal-kwalifika ta' Aġent tal-Privattivi Ewropej ibbażata fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Privattivi ffirmata mill-Istati Membri kollha tal-UE għandha tissemma wkoll. Din il-kwalifika tippermetti lill-professjonisti sabiex jużaw it-titolu msemmi meta jkunu qed jirrappreżentaw quddiem l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi. Madankollu, din il-kwalifika ma tippermettix l-eżerċizzju tal-professjoni ta' aġent tal-privattivi f'dawk il-pajjiżi firmatarji li jirregolaw il-professjoni.

**Ċart 6: Indikatur ta' restrizzjoni: Aġenti tal-privattivi/tat-trademarks**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, Novembru 2016.

Iċ-Ċart 6 turi l-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri f'termini ta' restrizzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-professjoni ta' aġent tal-privattivi jew tat-trademarks u għall-eżerċizzju tagħha, skont l-indikatur ta' restrizzjoni l-ġdid.

L-ambitu tar-riżervi ta' attivitajiet ivarja bejn l-Istati Membri. Uħud mill-Istati Membri (**il-Bulgarija, l-Estonja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Lussemburgu, is-Slovenja** u **r-Renju Unit**) esklussivament jirriżervaw l-attività tal-konsulenza u r-rappreżentanza quddiem l-Uffiċċju tal-Privattivi jew awtoritajiet amministrattivi oħra għall-aġenti tal-privattivi/tat-trademarks. **Il-Litwanja** tirriżervaha biss għall-persuni barranin li mhumiex residenti permanenti (jew li mhumiex stabbiliti bħala persuni ġuridiċi) fi Stat Membru tal-UE u **Spanja** għar-rappreżentanza ta' persuni li mhumiex ċittadini tal-UE. **Fil-Polonja**, l-attivitajiet ta' konsulenza riżervati, ir-rappreżentanza quddiem l-Uffiċċju tal-Privattivi u quddiem il-qrati amministrattivi għal aspetti ta' proprjetà industrijali li mhumiex trademarks huma esklussivament riżervati għall-aġenti tal-privattivi.

**Fil-Ġermanja** u **l-Ungerija** r-rappreżentanza quddiem il-qrati fi kwistjonijiet ta' proprjetà intellettwali hija esklussivament riżervata għall-aġenti tal-privattivi. Diversi pajjiżi jippermettu li din l-attività tiġi kondiviża ma' professjonijiet oħra bħal avukati, nutara jew konsulenti legali (**l-Awstrija**, **il-Bulgarija**, **ir-Repubblika Ċeka**, **l-Estonja**, **l-Italja**, **il-Polonja**, **il-Portugall** u **s-Slovakkja**). B'mod ġenerali, Stati Membri oħra jirriżervaw l-attività ta' rappreżentanza fil-qorti, inkluż il-kwistjonijiet ta' proprjetà intellettwali, għall-avukati jew għall-professjonisti legali oħra, iżda mhux għall-aġenti tal-privattivi (pereżempju, **il-Belġju, Spanja, Franza, il-Portugall, ir-Rumanija** u **s-Slovenja**).

L-attività ta' tfassil ta' dokumenti legali dwar kwistjonijiet relatati mal-proprjetà intellettwali hija riżervata f'diversi Stati Membri (**l-Awstrija**, **ir-Repubblika Ċeka**, **ir-Rumanija**, **is-Slovakkja**, **il-Polonja**) għall-aġenti tal-privattivi u għal professjonisti legali oħra. Madankollu, **l-Ungerija** tirriżerva din l-attività esklussivament għall-aġenti tal-privattivi.

**L-Ungerija** tirriżerva wkoll għall-aġenti tal-privattivi l-attività li jwettqu riċerka jew li jagħtu pariri marbuta mad-drittijiet tal-proprjetà industrijali.

F'ċerti pajjiżi li fihom il-professjoni tal-aġenti tal-privattivi/tat-trademarks mhix fiha nfisha regolata, jiġifieri f'**Ċipru** u **l-Greċja**, l-attivitajiet rilevanti huma, madankollu, riżervati għall-avukati.

Ir-rekwiżiti ta' kwalifiki wkoll ivarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Filwaqt li l-Istati Membri kollha jeħtieġu lawrji universitarji b'tul ta' bejn tlieta u ħames snin, ċerti Stati Membri, jiġifieri **l-Awstrija, il-Kroazja, l-Ungerija** u **l-Irlanda**, jeħtieġu studji speċjalizzati (tekniċi jew ix-xjenzi). **Ir-Renju Unit** jitlob korsijiet speċjalizzati dwar il-liġi tal-privattivi u

tat-trademarks u hemm biss għadd żgħir ħafna ta' korsijiet approvati mill-awtorità ta' reġistrazzjoni.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jeħtieġu esperjenza professjonali preċedenti, iżda t-tul ta' żmien ivarja bejn sentejn (**il-Bulgarija**), ħames snin (**il-Kroazja, il-Litwanja**) jew anki seba' snin u nofs (**l-Awstrija**). Ċerti Stati Membri (**il-Belġju, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja** u **r-Renju Unit**) jeħtieġu apprendistat taħt is-superviżjoni ta' aġent tal-privattivi. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri wieħed irid jgħaddi minn eżami.

Dan ifisser li t-tul totali ta' edukazzjoni meħtieġa jista' jvarja bejn tliet snin **fil-Portugall** (fejn l-ebda apprendistat jew esperjenza preċedenti huma meħtieġa) u seba' snin (**il-Ġermanja**), jew anki 12-il sena u nofs (**l-Awstrija**). Dan għandu jiġi meqjus fid-dawl tal-fatt li l-attivitajiet jistgħu jitwettqu wkoll, pereżempju, minn avukati mingħajr il-ħtieġa li jispeċjalizzaw fil-liġi tal-proprjetà intellettwali.

L-assigurazzjoni professjonali hija meħtieġa fi 12-il Stat Membru u xi wħud jirrestrinġu wkoll il-kundizzjonijiet li taħthom tiġi pprovduta l-assigurazzjoni (pereżempju **r-Renju Unit**).

Diversi Stati Membri jimponu restrizzjonijiet fuq il-forma tal-kumpanija u fuq ir-rekwiżiti għall-parteċipazzjoni azzjonarja. Pereżempju, **l-Awstrija** tirrikjedi li ditta professjonali għandha tkun 100 % proprjetà ta' aġenti tal-privattivi/tat-trademarks. Pajjiżi oħrajn, **bħar-Rumanija**, jippermettu t-twaqqif jew ta' kumpanija professjonali (li tkun 100 % proprjetà ta' aġenti tal-privattivi/tat-trademarks) jew ta' kumpanija regolari (b'persuni mhux professjonisti). **L-Ungerija** tirregola kemm is-sħubiji professjonali (b'100 % tal-ishma miżmuma minn aġenti tal-privattivi) kif ukoll il-kumpaniji professjonali (b'75 % tal-ishma miżmuma minn aġenti tal-privattivi). **Franza** ma tistabbilixxix rekwiżit tal-parteċipazzjoni azzjonarja iżda teħtieġ minflok li l-aġenti tal-privattivi/tat-trademarks ikollhom is-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-kumpanija. **Il-Greċja** u **Ċipru** jeħtieġu li 100 % tas-sħab ikunu avukati. **Il-Ġermanja** u **l-Polonja** jirrikjedu li mill-anqas 50 % tal-ishma jinżammu mill-professjonisti.

Diversi Stati Membri jipprojbixxu wkoll kompletament l-eżerċizzju tal-professjoni ta' aġent tal-privattivi flimkien ma' professjonijiet oħrajn (pereżempju, **l-Awstrija** u **l-Ungerija**), filwaqt li oħrajn jippermettu l-eżerċizzju konġunt ma' professjonijiet legali jew tal-kontabbiltà biss (**l-Estonja, il-Ġermanja**).

Dwar il-forniment transfruntier ta' servizzi, f'għadd ta' Stati Membri d-Direttiva 2013/55/UE[48] għadha ma ġietx trasposta fil-liġi nazzjonali dwar l-aġenti tal-privattivi/tat-trademarks. Pereżempju, **fil-Ġermanja** u **fir-Renju Unit**, bl-istabbiliment ta' lista limitata ta' kwalifiki li għandhom jiġu rikonoxxuti, mhuwiex permess ir-rikonoxximent tal-kwalifika professjonali ta' aġenti tal-privattivi/tat-trademarks minn xi Stati Membri tal-UE.

**Is-Slovakkja** teħtieġ proċedura ta' rikonoxximent speċifika għal persuni li għandhom diplomi minn Stati Membri oħra tal-UE biex ikollhom aċċess għall-professjoni (mhux regolata) ta' avukat assistent fil-qasam tal-privattivi.

## Rakkomandazzjonijiet

[48] Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI")

**Is-Slovakkja** għandha tiżgura li l-proċedura ta' rikonoxximent li hija tapplika għall-persuni li għandhom diploma barranija u li jfittxu aċċess għall-professjoni ta' avukat assistent fil-qasam tal-privattivi tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema u ta' nondiskriminazzjoni u mal-ġurisprudenza rilevanti.

**Il-Ġermanja** u **r-Renju Unit** għandhom jittrasponu mill-aktar fis possibbli d-Direttiva 2013/55/UE u jiżguraw il-konformità mal-liġi tal-UE dwar l-aġenti tal-privattivi.

**L-Awstrija**, **il-Ġermanja** u **r-Renju Unit** għandhom iqisu mill-ġdid id-diversi livelli tal-miżuri regolatorji, pereżempju li jeħtieġu diversi snin ta' esperjenza professjonali jew ta' taħriġ professjonali minbarra r-rekwiżiti bażiċi tat-taħriġ u jippruvaw joffru modi alternattivi biex tinkiseb il-kwalifika.

**Il-Kroazja**, **l-Estonja**, **il-Litwanja** u **l-Iżvezja** għandhom jivvalutaw mill-ġdid il-kundizzjoni ta' esperjenza professjonali preċedenti bħala rekwiżit għall-aċċess għall-professjoni ta' aġenti tal-privattivi/tat-trademarks.

**Ir-Renju Unit** għandu jivvaluta r-rekwiżiti tal-assigurazzjoni biex jiżgura li mhumiex restrittivi żżejjed.

**L-Awstrija**, **l-Estonja**, **l-Ungerija**, **il-Polonja** u **r-Renju Unit** għandhom jivvalutaw l-ambitu tar-riżervi tal-attivitajiet għall-aġenti tal-privattivi/tat-trademarks. **Ċipru** u **l-Greċja** għandhom jivvalutaw il-proporzjonalità tal-miżuri li jirriżervaw l-attivitajiet marbuta ma' proprjetà industrijali għall-avukati biss.

**L-Awstrija** u **l-Ungerija** għandhom jivvalutaw il-proporzjonalità ta' projbizzjonijiet fuq l-eżerċizzju konġunt tal-professjoni tal-aġenti tal-privattivi/tat-trademarks ma' professjonijiet oħra.

**L-Awstrija**, **il-Ġermanja**, **l-Ungerija** u **l-Polonja** għandhom jivvalutaw il-proporzjonalità tar-rekwiżiti għall-parteċipazzjoni azzjonarja.

## II.6. Aġenti tal-proprjetà immobbli

L-approċċi regolatorji fis-settur tal-proprjetà immobbli jvarjaw b'mod sinifikanti bejn il-pajjiżi. Filwaqt li f'xi Stati Membri l-professjoni kienet regolata għal żmien twil (eż. **fl-Awstrija** ilha regolata mill-1973), f'oħrajn ir-regolamentazzjoni ġiet introdotta aktar reċentement (eż. fl-2011 **fl-Irlanda**). Tliet pajjiżi jidhru li beħsiebhom jirregolaw l-aċċess għal din il-professjoni (**ir-Repubblika Ċeka**, **il-Ġermanja** u **s-Slovakkja**). Għall-kuntrarju, **in-Netherlands**, **il-Polonja** u **l-Portugall** għadhom kif għażlu d-deregolamentazzjoni.

**Ċart 7: Indikatur ta' restrizzjoni: Aġenti tal-proprjetà immobbli**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, Novembru 2016.

Iċ-Ċart 7 turi l-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri f'termini ta' restrizzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-professjoni ta' aġent tal-proprjetà immobbli u għall-eżerċizzju tagħha, skont l-indikatur ta' restrizzjoni l-ġdid.

Il-professjoni hija regolata f'14-il Stat Membru: **L-Awstrija**, **il-Belġju**, **il-Kroazja, Ċipru, id-Danimarka**, **il-Finlandja, Franza, l-Ungerija, l-Irlanda**, **l-Italja**, **il-Lussemburgu**, **is-Slovakkja**[49]**, is-Slovenja** u **l-Iżvezja**. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jirregolaw permezz tar-riżervi ta' attivitajiet. **Ċipru**, **il-Belġju**, **id-Danimarka**, **il-Finlandja,**[50] **l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu** u **s-Slovenja** jirregolaw permezz tar-riżervi ta' attivitajiet flimkien mal-protezzjoni tat-titolu. Fi **Spanja** hemm regolamentazzjoni reġjonali tal-attivitajiet tal-aġenti tal-proprjetà immobbli.

Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għandhom attivitajiet simili riżervati għall-aġenti tal-proprjetà immobbli. Dawn jikkonsistu essenzjalment li jaġixxu bħala intermedjarju bejn ix-xerrejja u l-bejjiegħa tal-proprjetà immobbli, inkluż l-għoti ta' pariri. Madankollu, f'xi każijiet l-aġenti tal-proprjetà immobbli jwettqu kompiti oħrajn minbarra li jgħaqqdu flimkien il-partijiet fit-tranżazzjoni u jagħtuhom pariri u wħud minn dawn l-attivitajiet huma pjuttost kumplessi. Pereżempju, fil-pajjiżi Nordiċi l-aġenti tal-proprjetà immobbli liċenzjati jipprovdu parir legali skont il-livell ta' għarfien tagħhom (eż. **fl-Iżvezja** l-aġenti tal-proprjetà immobbli liċenzjati jassistu fit-tfassil ta' dokumentazzjoni xierqa jew jagħtu parir dwar klawżoli kuntrattwali. **Fil-Finlandja**, il-biċċa l-kbira tat-tranżazzjonijiet li jinvolvu aġent tal-proprjetà immobbli tikkonċerna l-bejgħ u x-xiri ta' ishma f'kooperattiva tad-djar mingħajr l-approvazzjoni separata ta' nutar uffiċjali. L-evalwazzjoni/l-istima tal-proprjetà hija msemmija **għad-Danimarka** u **l-Italja**[51], filwaqt li **fl-Awstrija** r-rappreżentanza quddiem l-awtoritajiet pubbliċi/il-qrati (sakemm din ma tkunx riżervata għall-avukati) kif ukoll it-twettiq ta' rkanti pubbliċi ta' proprjetajiet huma riżervati għall-aġenti tal-proprjetà immobbli. **Fil-Belġju** u fi **Franza**, l-aġenti tal-proprjetà immobbli huma involuti fl-attivitajiet tal-ġestjoni tal-koproprjetà u tal-ġestjoni tal-proprjetà taħt ir-rwol ta' *syndic*.

F'ħafna każijiet, l-attivitajiet tal-aġenti tal-proprjetà immobbli huma kondiviżi ma' avukati u/jew nutara. Madankollu, tal-anqas f'xi każijiet ċerti attivitajiet ta' senserija ta' proprjetà immobbli jidhru li huma riżervati għall-aġenti tal-propjetà kwalifikati (**l-Awstrija, Ċipru, l-Irlanda, il-Lussemburgu, l-Iżvezja u s-Slovenja**).

Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jeħtieġu edukazzjoni ta' madwar sentejn u tliet snin li jista' jkun hemm bżonn li tiġi ssupplimentata minn apprendistat u/jew esperjenza ta' xogħol u/jew eżami. Fi wħud mill-aktar każijiet stretti, din ir-regolamentazzjoni tista' tiġi parzjalment spjegata billi ċerti kompiti aktar kumplessi jiġu fdati lill-aġenti tal-proprjetà immobbli (eż. **fl-Awstrija**, **id-Danimarka** u **l-Iżvezja**). Dan huwa f'kuntrast ma' pajjiżi bħall-**Kroazja**, **il-Finlandja**, **l-Ungerija** u **l-Italja**, li għadhom rekwiżiti ta' kwalifiki relattivament baxxi. Pereżempju, **fl-Ungerija** t-tul ta' żmien tal-programm edukattiv huwa biss ta' sitt xhur, filwaqt li **fil-Finlandja** hemm biss eżami, iżda mhu meħtieġ l-ebda taħriġ speċifiku jew esperjenza preċedenti. **Fil-Kroazja** u **l-Italja** hemm eżami obbligatorju miftuħ għall-persuni li għandhom diploma tal-iskola sekondarja għolja u għall-**Italja**, it-tlestija ta' kors ta' taħriġ ta' 80 siegħa.

---

[49] **Is-Slovakkja** ma tqisx din il-professjoni regolata peress li l-attivitajiet kummerċjali biss huma regolati. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok irreferi għad-Dokument ta' ħidma tal-persunal mehmuż ma' din il-Komunikazzjoni.

[50] Filwaqt li **fil-Finlandja** t-titolu huwa protett, il-liġi tesiġi wkoll li l-maniġers responsabbli u mill-inqas nofs dawk involuti fil-ħidma tal-aġenzija jkollhom il-kwalifiki meħtieġa.

[51] Fl-Ungerija, il-Latvja u l-Litwanja, l-evalwaturi/l-istimaturi tal-proprjetà immobbli huma regolati bħala professjonijiet għalihom.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet hemm modi alternattivi biex jinkisbu l-kwalifiki meħtieġa. **Fil-Belġju**, **il-Kroazja**, **Ċipru**, **l-Italja**, **il-Finlandja** u **l-Iżvezja** biss jidher li hemm mod wieħed biss biex tinkiseb il-kwalifika bħala aġent tal-proprjetà immobbli

Kemm il-pajjiżi b'livell relattivament baxx ta' regolamentazzjoni kif ukoll dawk b'rekwiżiti ogħla għandhom mezzi addizzjonali biex jiżguraw il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-prevenzjoni tal-frodi. Filwaqt li ħafna mill-pajjiżi jeħtieġu r-reġistrazzjoni obbligatorja f'korpi statali jew professjonali u l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà professjonali obbligatorja, oħrajn jeħtieġu wkoll lill-professjonisti biex jipprovdu evidenza tal-kondotta tajba u/jew tal-karattru tajjeb,[52] jew jipprovdu kapaċità finanzjarja/garanzija finanzjarja[53]. Ir-rekwiżiti ta' żvilupp professjonali kontinwu obbligatorju mhumiex sinifikanti f'termini ta' tul ta' żmien u nstab li jeżistu biss f'ħames pajjiżi[54].

Ftit pajjiżi li jipprojbixxu b'mod speċifiku l-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet inkompatibbli. Madankollu, f'xi każijiet din il-projbizzjoni tmur lil hinn mis-sempliċi projbizzjoni ġenerali dwar il-kunflitt ta' interess (eż. **l-Italja** u **l-Iżvezja**). Pereżempju, **fl-Italja**, l-aġenti tal-proprjetà immobbli huma pprojbiti minn kwalunkwe impjieg pubbliku (ħlief jekk part-time) jew attivitajiet oħra bħala persuna li taħdem għal rasha jew imprenditur. **Fis-Slovenja** l-eżerċizzju tal-attivitajiet marbuta mal-proprjetà immobbli huma soġġetti għal rekwiżit ta' ċittadinanza[55].

Min-naħa l-oħra, f'pajjiżi li ma jirregolawx il-professjoni, l-interessi tal-konsumaturi jiġu mħarsa permezz ta' mezzi oħra, bħal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, il-liġi ċivili u kriminali u r-regoli tal-kondotta professjonali. L-awtoregolamentazzjoni u s-sistemi volontarji ta' ċertifikazzjoni jservu bħala alternattiva oħra għar-regolamentazzjoni. Dawn huwa l-każ, pereżempju, **fir-Repubblika Ċeka**, **il-Litwanja, in-Netherlands**, **il-Polonja** u **r-Renju Unit**.

**Rakkomandazzjonijiet**

**L-Awstrija, Ċipru, l-Irlanda, il-Lussemburgu, is-Slovenja** u **l-Iżvezja** għandhom iqisu l-possibbiltà li jiftħu l-attivitajiet li attwalment huma esklussivament riżervati għall-aġenti tal-proprjetà immobbli lill-professjonijiet oħra.

**L-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, id-Danimarka, Franza, l-Irlanda, is-Slovakkja** u **l-Iżvezja** għandhom jevalwaw sa liema punt it-tul ta' żmien tar-rekwiżiti ta' kwalifiki obbligatorji huwa indispensabbli fid-dawl tal-kompiti fil-mira tal-aġenti tal-proprjetà immobbli u tal-għanijiet tar-regolamentazzjoni.

**Il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, il-Finlandja, l-Italja** u **l-Iżvezja** għandhom iqisu l-possibbiltà ta' modi alternattivi għall-aċċess għall-professjoni.

**Il-Belġju** għandu jevalwa l-ħtieġa għal restrizzjonijiet tad-drittijiet tal-parteċipazzjoni azzjonarja u tal-votazzjoni.

**Is-Slovenja** għandha tikkunsidra mill-ġdid ir-rekwiżit ta' ċittadinanza tagħha għall-aġenti tal-proprjetà immobbli.

---

[52] L-Awstrija, is-Slovenja, l-Ungerija u l-Italja.

[53] L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Finlandja u l-Ungerija.

[54] Il-Belġju, Franza, l-Irlanda, l-Iżvezja u s-Slovenja.

[55] Ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki miksuba fi Stati Membri oħra huwa previst, iżda ċ-ċittadini barranin li kisbu l-kwalifiki fis-Slovenja ma jidhirx li huma koperti minn dawn ir-regoli.

Bħala parti mir-riforma li jmiss, **ir-Repubblika Ċeka** għandha tevita livelli differenti ta' regolamentazzjoni u tivvaluta fid-dettall jekk l-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur jistax jiġi żgurat permezz ta' miżuri inqas restrittivi, bħall-introduzzjoni ta' titolu protett.

**Il-Ġermanja** għandha timmonitorja d-dibattiti li għaddejjin biex tintroduċi regolamentazzjoni ġdida u tibbaża kwalunkwe bidla fir-regolamentazzjoni fuq valutazzjonijiet tal-proporzjonalità solidi.

**L-Italja** għandha tevalwa l-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-projbizzjonijiet fuq attivitajiet inkompatibbli.

**Spanja** għandha tirrevedi r-regolamentazzjonijiet reġjonali eżistenti, peress li jistgħu jwasslu għal konfużjoni fir-rigward tal-aċċess għall-professjoni u l-eżerċizzju tagħha u jistgħu joħolqu ostakoli għall-mobilità.

**Is-Slovakkja** għandha tneħħi r-rekwiżit għall-persuni li għandhom kwalifiki minn Stati Membri oħra tal-UE li jgħaddu minn proċedura għar-rikonoxximent akkademiku tad-diplomi.

## II.7. Gwidi turistiċi

Il-professjoni tal-gwidi turistiċi hija regolata f'14-il Stat Membru, jiġifieri **l-Awstrija**, **il-Bulgarija**, **il-Kroazja**, **Ċipru**, **Franza**, **il-Greċja**, **l-Ungerija**, **l-Italja**, **il-Litwanja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja** u **Spanja**, b'xi differenzi sinifikanti fir-rigward tal-intensità tar-regolamentazzjoni. Ir-regolamentazzjoni hija aktar prevalenti fil-parti tan-Nofsinhar tal-Ewropa u madwar il-Mediterran. Ġeneralment hija bbażata fuq kunsiderazzjonijiet tal-patrimonju kulturali, storiku, arkeoloġiku u artistiku u l-apprezzament tiegħu.

Kemm l-industrija tat-turiżmu kif ukoll l-imġiba tal-konsumaturi evolvew fis-snin reċenti u llum il-ġurnata l-għarfien dwar is-siti ta' patrimonju u kulturali jinsab dejjem aktar disponibbli permezz ta' sorsi oħra ta' informazzjoni, inkluż dik diġitali. Il-ġustifikazzjoni għar-regolamentazzjoni tal-gwidi turistiċi u l-proporzjonalità tagħha jeħtieġ li jiġu vvalutati bir-reqqa sabiex ikun żgurat li r-restrizzjonijiet ikunu limitati għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi evitata ħsara lir-rikkezzi kulturali ta' Stat Membru.

**Ċart 8: Indikatur ta' restrizzjoni: Gwidi turistiċi**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, Novembru 2016.

Iċ-Ċart 8 turi l-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri f'termini ta' restrizzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-professjoni ta' gwida turistika u għall-eżerċizzju tagħha, skont l-indikatur ta' restrizzjoni l-ġdid.

Anki bejn l-Istati Membri li jirregolaw hemm differenzi sinifikanti. Filwaqt li **l-Bulgarija**, **Malta, Spanja** u **s-Slovenja** jipprovdu għar-riżerva tal-attivitajiet flimkien mal-protezzjoni tat-titolu, ħafna mill-Istati Membri jirregolaw il-professjoni b'riżerva tal-attivitajiet biss[56].

L-ambitu tal-attivitajiet riżervati jvarja konsiderevolment bejn l-Istati Membri. **Fl-Awstrija** u **l-Bulgarija** hemm firxa wiesgħa ħafna ta' attivitajiet riżervati għall-persuni li għandhom kwalifiki professjonali speċifiċi, li jkopru wkoll gwida għal persuni biex turi u tispjegalhom is-sitwazzjoni soċjali u politika f'kuntesti nazzjonali u internazzjonali, gwida għal persuni f'avvenimenti sportivi u soċjali u takkumpanja lit-turisti mill-ajruport sal-lukanda tagħhom. Madankollu, irid jiġi enfasizzat li riżerva ta' attività hija restrizzjoni li għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament neċessarju għall-protezzjoni tal-interess pubbliku ġenerali.

Barra minn hekk, il-ħolqien ta' riżervi ta' attivitajiet, meta jiġu regolati fil-livell reġjonali fi stati federali jew reġjonali, jistħoqqlu attenzjoni partikolari jekk l-ambitu tal-attivitajiet ikun ġeografikament limitat għal Stat Membru wieħed, bħal **fil-Kroazja**, **l-Italja** u **Spanja**. B'riżultat ta' dan, il-professjonisti jistgħu jkollhom jiksbu kwalifiki u awtorizzazzjonijiet differenti fi Stat Membru wieħed jekk ikunu jridu jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom f'aktar minn reġjun wieħed. Dawn id-differenzi jagħmlu l-aċċess għall-professjoni u l-eżerċizzju tagħha iktar ikkumplikati[57] u jistgħu joħolqu kwistjonijiet ta' kompatibbiltà mal-liġi tal-Unjoni.

Il-kwalifiki professjonali meħtieġa jvarjaw bejn l-Istati Membri li jirregolaw. Il-livell tal-kwalifika jvarja minn taħriġ vokazzjonali għal kwalifika akkademika, li jvarjaw fit-tul minn sena f'**Ċipru** għal ħames snin **fl-Italja**.

**Fil-Greċja**, filwaqt li fil-bidu kienet tintalab diploma minn skola tal-gwidi turistiċi, reċentement persuni li għandhom diplomi ġeneriċi speċifiċi, bħal diplomi fl-arkeoloġija, l-istorja, l-antropoloġija soċjali, l-etnoloġija, eċċ., jistgħu jiksbu liċenzja ta' gwida turistika ladarba jkunu temmew b'suċċess kors ta' taħriġ speċifiku ta' xahrejn. **Fl-Italja** l-eżami ta' kwalifika jinkludi test bil-miktub, li jkopri l-patrimonju storiku u artistiku ta' żona speċifika ta' reġjun u intervista. **Fl-Italja** u fi **Spanja**, jeżistu diversi regolamentazzjonijiet differenti skont ir-reġjun jew ir-reġjun awtonomu li jirregola l-professjoni u r-rekwiżiti. Ħafna Stati Membri indikaw il-ħtieġa għal għarfien speċifiku ħafna marbut mal-pajjiż, bħall-għarfien dwar l-istorja u l-arti tiegħu (eż. **Ċipru**, **is-Slovenja**).

**Il-Kroazja**, **is-Slovenja** u **Spanja** jorganizzaw eżamijiet tal-Istat għall-professjoni ta' gwida turistika.

Ma teżisti ebda restrizzjoni dwar il-forma ġuridika jew il-parteċipazzjoni azzjonarja jew tal-kontroll tal-ġestjoni għal din il-professjoni.

Lista ta' siti fejn ix-xogħol ta' gwida huwa riżervat għall-persuni li għandhom kwalifiki speċifiċi u l-istabbiliment ta' regoli dwar kif jinkisbu dawn il-kwalifiki speċifiċi jistgħu wkoll joħolqu restrizzjonijiet mhux ġustifikati jekk ir-raġunijiet reali li jiġġustifikaw l-elenkar għal kull sit ma jkunux ġew ivvalutati u jekk l-eżamijiet jiġu organizzati biss kull sentejn, kif jidher li huwa l-każ **fl-Italja**. Fi Stati Membri oħra, bħal **Franza**, il-gwidi turistiċi kwalifikati biss huma ammessi minn ċertu numru ta' monumenti storiċi. **Fil-Kroazja**, il-liġi tistipula b'mod speċifiku li servizzi ta' gwida esperta f'mużew, gallerija, żona naturali protetta, sit

[56] Għal aktar tagħrif dwar ir-regolamentazzjoni ta' din il-professjoni u ta' professjonijiet relatati magħha bħal maniġer tat-turs jew aġent tal-ivvjaġġar, ara r-rapport imħejji bħala parti minn eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka.
[57] Ara wkoll id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar ir-riżultat tal-verifiki tal-prestazzjoni tas-suq intern għas-servizzi SWD(2012)147 mehmuż mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi (COM(2012)261.

arkeoloġiku, eċċ., ma għandhomx jitqiesu bħala attivitajiet ta' gwidi turistiċi. Dan jista' jwassal għal frammentazzjoni tas-suq u jpoġġi piż sinifikanti fuq il-fornituri ta' servizzi minn Stat Membru ieħor li jakkumpanjaw it-turisti f'partijiet differenti ta' pajjiż u li ma jillimitawx il-forniment tagħhom ta' servizz għal sit partikolari.

**Rakkomandazzjonijiet**

**L-Istati Membri kollha li jirregolaw** għandhom iqisu l-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità tar-regolamentazzjoni tal-professjoni.

**L-Awstrija**, **il-Bulgarija**, **Malta** u **s-Slovenja** għandhom iqisu l-introduzzjoni ta' definizzjoni aktar preċiża tal-attivitajiet riżervati fid-dawl tal-ambitu wiesa' ħafna jew mhux definit tal-attivitajiet riżervati.

**Il-Kroazja** u **l-Italja** għandhom: (i) jiċċaraw il-qafas regolatorju li jirregola l-gwidi turistiċi minħabba r-regolamentazzjonijiet reġjonali diverġenti li jidhru li qed ixekklu l-aċċess għas-suq u li jaffettwaw lill-fornituri ta' servizzi nazzjonali kif ukoll lil dawk li jipprovdu servizzi temporanji; (ii) jirrevedu l-lista ta' siti riżervati għall-persuni li għandhom kwalifiki speċifiċi u jqisu l-proporzjonalità ta' kull riżerva.

**Spanja** għandha: (i) tirrevedi l-aċċess għall-attività tal-gwidi turistiċi, li attwalment ivarja bejn ir-reġjuni awtonomi, li jillimita l-aċċess għall-professjoni u l-eżerċizzju tagħha għall-fornituri ta' servizzi stabbiliti kif ukoll għal dawk li jipprovdu servizzi temporanji; (ii) tiżgura l-validità tal-awtorizzazzjonijiet tal-pajjiż kollu.